**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI**

| | |
|---|---|
| **Każ Nru:** | K/041 |
| **Allegazzjoni:** | Użu mhux xieraq ta' fondi pubbliċi fil-pubblikazzjoni ta' riklami ta' natura politika li dehru f'suppliment tal-gazzetta *KullĦadd* |
| **Bidu tal-Investigazzjoni fuq Inizjattiva tal-Kummissarju:** | 2 ta' Frar 2022 |
| **Data ta' Ilment dwar l-Istess Każ:** | 5 ta' Frar 2022 |
| **Ilmentatur:** | Dr Robert Aquilina, President, għaqda voluntarja Repubblika |
| **Data ta' Dan ir-Rapport:** | 1 ta' Ġunju 2022 |

**L-Aġir li Wassal għall-Investigazzjoni**

1. Fis-16 ta' Jannar 2022, ħarġet edizzjoni tal-gazzetta *KullĦadd* li kienet tinkludi suppliment ta' 32 paġna (anness bħala d-dokument A). Dan is-suppliment kien intitolat *"Robert Abela sentejn Prim Ministru*", b'sotto-titolu li kien jgħid "*Suppliment speċjali dwar il-ħidma u l-kisbiet tal-Gvern Laburista minn Jannar 2020 lil hawn".* Is-suppliment kien irriklamat fl-ewwel paġna tal-gazzetta proprja bħala *"Suppliment speċjali ta' 32 paġna dwar is-sentejn mill-ħatra ta' Robert Abela bħala Prim Ministru"*.

2. Il-gazzetta *KullĦadd* tiġi ppubblikata mill-Partit Laburista kull nhar ta' Ħadd.

3. 28 paġna minn dan is-suppliment kienu jikkonsistu biss f'riklami ta' ministeri jew entitajiet tal-gvern. Dawn ir-riklami kienu fihom ritratti bil-kulur, slogans, grafiċi u informazzjoni dwar ix-xogħol ta' kull ministeru jew entità, u f'ħafna każi ritratti tal-ministri konċernati.

4. Dawn ir-riklami jidhru li ġew ippubblikati esklussivament f'*KullĦadd* u ma dehret ebda ġabra ta' riklami komparabbli f'ebda gazzetta oħra.

5. Il-ministri u s-segretarju parlamentari li ppubblikaw riklami f'din il-pubblikazzjoni kienu:

i. Chris Fearne, Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa;

ii. Roderick Galdes, Ministru għall-Akkommodazzjoni Soċjali (issa Ministru għall-Akkommodazzjoni Soċjali u Affordabbli);

iii. Aaron Farrugia, dak iż-żmien Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar (issa Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali);

iv. Michael Falzon, dak iż-żmien Ministru għas-Solidarjetà u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal (issa Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal);

v. Clint Camilleri, Ministru għal Għawdex;

vi. Silvio Schembri, dak iż-żmien Ministru għall-Ekonomija u l-Industrija (issa Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet);

vii. Anton Refalo, dak iż-żmien Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali (issa Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali);

viii. Ian Borg, dak iż-żmien Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali (issa Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ);

ix. Carmelo Abela, dak iż-żmien Ministru fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru;

x. Clifton Grima, dak iż-żmien Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport (issa Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni);

xi. Byron Camilleri, dak iż-żmien Ministru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi (issa Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza);

xii. Julia Farrugia Portelli, dak iż-żmien Ministru għall-Inklużjoni, il-Kwalità tal-Ħajja u l-Volontarjat (issa Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur);

xiii. Owen Bonnici, dak iż-żmien Ministru għall-Ugwaljanza, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (issa Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u Gvern Lokali);

xiv. Edward Zammit Lewis, dak iż-żmien Ministru għall-Ġustizzja u l-Governanza;

xv. Michael Farrugia, dak iż-żmien Ministru għall-Anzjani u l-Anzjanità Attiva;

xvi. Chris Agius, dak iż-żmien Segretarju Parlamentari għall-Kostruzzjoni;

xvii. Josè Herrera, dak iż-żmien Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali;

xviii. Miriam Dalli, dak iż-żmien Ministru għall-Enerġija, l-Intrapriża u l-Iżvilupp Sostenibbli (issa Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża).

6. Nosserva li erba' persuni f'din il-lista m'għadhomx f'kariga eżekuttiva (l-Onor. Carmelo Abela, l-Onor. Chris Agius, l-Onor. Dr Michael Farrugia u l-Onor. Dr Edward Zammit Lewis) filwaqt li Dr Josè Herrera m'għadux deputat parlamentari.

7. Dawk li kienu ministri jew segretarji parlamentari meta ħareġ is-suppliment iżda ma kkummissjonawx riklam fih huma l-Prim Ministru Robert Abela; il-Ministri Evarist Bartolo, Clayton Bartolo u Clyde Caruana; u s-Segretarji Parlamentari Deo Debattista, Alex Muscat u Stefan Zrinzo Azzopardi.

**IL-Kuntest**

8. Fis-17 ta' Marzu 2021 jiena ħriġt rapport dwar l-infiq ta' fondi pubbliċi għal riklamar politiku.[1] A bażi tal-investigazzjoni tiegħi jiena kkonkludejt li dak il-każ kien eżempju ċar tal-użu ta' fondi pubbliċi minn ministru għal skopijiet purament personali. F'dan il-każ, il-Ministru in kwistjoni ppubblika riklam ta' paġna sħiħa f'diversi gazzetti. Nofs ir-riklam kien meħud minn ritratt tal-Ministru, stampat bil-kulur, u fin-nofs l-ieħor dehru sitt punti li kkomunikaw informazzjoni ta' ftit sustanza. Fil-qiegħ tal-paġna dehret ukoll l-arma tal-ministeru.

9. F'dak il-każ jiena kkunsidrajt illi minħabba l-kontenut tar-riklam u ċ-ċirkostanzi tal-pubblikazzjoni tiegħu, ma deherx li r-riklam kien intenzjonat biex verament jikkomunika informazzjoni mill-perspettiva tal-gvern. Mill-provi li rajt, deher illi l-għan tar-riklam kien sabiex il-Ministru jibbenefika minn

[1] Rapport dwar il-każ nru. K/028, maħruġ fis-17 ta' Marzu 2021 u aċċessibbli minn https://standardscommissioner.com/wp-content/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K028.pdf

pubbliċità, speċjalment minħabba l-prominenza tar-ritratt tal-Ministru u n-nuqqas ta' informazzjoni ta' sustanza. Dan fisser illi l-użu ta' fondi pubbliċi ma kienx ġustifikat.[2]

10. F'dak il-każ il-Ministru ammetta illi l-flus għar-riklam kienu ġew approvati mis-"Servizz Pubbliku", li jfisser illi l-uffiċjali pubbliċi fil-ministeru tiegħu approvaw il-pagamenti relattivi. Jiena kkonkludejt illi dawk l-uffiċjali pubbliċi ma messhomx tpoġġew f'sitwazzjoni fejn kellhom japprovaw pagamenti għal riklam bħal dan.[3]

11. Jiena rreferejt ir-rapport tiegħi dwar dak il-każ lill-Kumitat Permanenti tal-Parlament għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika. Wara d-diskussjoni fil-Kumitat, il-membri tal-Kumitat ivvutaw tnejn favur u tnejn kontra r-rakkommandazzjonijiet tiegħi. Iċ-Chairman tal-Kumitat astjena mill-vot, u meta ppubblika l-motivazzjoni għad-deċiżjoni tiegħu kiteb illi:

> *Is-Sedja tħoss illi fiċ-ċirkostanzi hija tikkondividi mal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, u dan kif effettivament għamel referenza għalih ukoll il-Ministru Edward Zammit Lewis, illi għandu jkun hemm guidelines anke dwar kif jiġu magħmula l-adverts. Dan sabiex jiġu stabbiliti kriterji ċari li wieħed għandu jimxi fuqhom biex ikun aktar konfortat illi b'dak li qed jagħmel ma jkunx b'xi mod qed jikser xi regolament tal-istess Kodiċi ta' Etika.*[4]

12. Fid-dawl ta' dan, fit-22 ta' Ġunju 2021 jiena ppubblikajt abbozz ta' linji gwida intitolati *Guidelines on Government Advertising and Promotional Material*. Dawn il-linji gwida kienu maħsubin biex jindikaw kif jiena deherli li kelli ninterpreta l-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u s-Segretarji Parlamentari f'każi li jinvolvu riklamar jew materjal promozzjonali tal-gvern. Ippubblikajthom bħala abbozz sabiex kull min kellu interess, inkluż il-partiti politiċi, il-gvern u l-pubbliku in ġenerali, seta' jissottometti l-veduti tiegħu dwarhom. Jiena ma rċevejt ebda sottomissjoni li kienet tindika nuqqas ta' qbil mal-linji gwida.

---

[2] Rapport dwar il-każ K/028, para 41.

[3] Rapport dwar il-każ K/028, para 42.

[4] Motivazzjoni tal-vot tal-Ispeaker dwar il-Każ K/028 fil-laqgħa tal-Kumitat dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika tat-28 ta' April 2021, aċċessibbli minn https://cdn-others.timesofmalta.com/1a8a4fc335646718fefdaa33b4c9e5441612096a.pdf.

13. Fit-2 t'Awwissu 2021 jiena ppubblikajt il-linji gwida bħala dokument definittiv.[5] Bgħatt kopja tagħhom lil kull deputat parlamentari permezz ta' ittra datata 6 t'Awwissu 2021 (kopja annessa u mmarkata bħala dokument B), sabiex id-deputati jiġu aġġornati b'dawn l-iżviluppi u jirregolaw ruħhom fid-dawl tal-istess linji gwida. Minn dak iż-żmien 'il quddiem, jiena segwejt l-attivitajiet tal-ministri u s-segretarji parlamentari sabiex naċċerta jekk humiex qed jimxu mal-linji gwida. Ġeneralment jidher illi l-ministri u s-segretarji parlamentari ħadu nota tal-linji gwida u qegħdin isegwuhom.

**Deċiżjoni li Ssir Investigazzjoni**

14. Deherli iżda li l-każ preżenti potenzjalment jirrappreżenta eċċezzjoni għal din il-prattika ta' konformità mal-linji gwida. Għalhekk iddeċidejt li dan il-każ jimmerita investigazzjoni taħt l-artikolu 13(1)(b) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta), li jagħtini s-setgħa li nibda investigazzjoni fuq inizjattiva tiegħi stess.

15. L-artikoli relevanti tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u s-Segretarji Parlamentari, li jinsab fit-tieni skeda tal-Att, huma dawn li ġejjin:

> *4.9 Il-Ministri għandhom iżommu separati r-rwoli tagħhom bħala Ministri u bħala Deputati, kif ukoll ir-rwol tagħhom bħala membru ta' partit politiku.*
>
> *4.10 Il-Ministri għandhom jirrispettaw il-prinċipju tal-imparzjalità politika tas-servizz pubbliku.*
>
> *5.3 Diliġenza – ladarba l-Ministri jamministraw beni pubbliċi, f'isem il-pubbliku inġenerali, għandhom jeżerċitaw l-ogħla livell ta' diliġenza inkluż fl-infiq ta' fondi pubbliċi, kif ukoll għandhom jaħdmu b'għaqal u bżulija fit-twettiq tad-doveri tagħhom.*
>
> *7.4 Il-Ministri għandhom jirrispettaw l-imparzjalità tas-servizz pubbliku u jaraw illi l-influwenza tagħhom fuq is-servizz pubbliku ma tkunx abbużata.* [...]

[5] Dawn il-linji gwida huma aċċessibbli minn https://standardscommissioner.com/wp-content/uploads/guidelines-government-advertising-promotional-material.pdf.

16. Id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Etika ser jiġu interpretati minni fid-dawl tal-linji gwida li ppubblikajt dwar ir-riklamar tal-gvern, u b'mod speċifiku s-segwenti dispożizzjonijiet:

*3.3. Government advertisements and promotional material should not include any content that is of a partisan nature.*

*3.4 In particular, government advertisements and promotional material should not:*

*(a) refer to a political party;*

*(b) include images or slogans used by a political party or individual politicians; or*

*(c) make reference to the websites of politicians or political parties or to partisan social media pages.*

*3.5 Government advertisements, as distinct from promotional material, should not include the names or photographs of ministers.*

*3.11 Public funding should be directed to the media for advertising purposes on the basis of fair and objective criteria.*

**Ilment**

17. Permezz ta' ittra datata 5 ta' Frar 2022 (annessa u mmarkata bħala dokument Ċ), Dr Robert Aquilina, President tal-għaqda voluntarja Repubblika (l-Ilmentatur) talabni ninvestiga l-istess materja, u ċioè l-infiq ta' flus mill-gvern b'mod dirett u esklussiv mal-mezzi tal-Partit Laburista.

18. Qed nirriproduċi l-kontenut tal-ilment hawn taħt, fejn l-Ilmentatur qajjem is-segwenti punti:

*Fuq il-bażi tad-deċiżjoni tiegħek fil-każ ta' Carmelo Abela u tar-rakkomandazzjonijiet li għamilt sussegwentement, jidhrilna li jkun ġustifikat li int ukoll teżamina jekk id-diskrezzjoni assoluta li qed japplika l-Gvern fl-infiq f'reklamar tikkostitwiex imġieba mhux etika tal-Ministri li qed jieħdu dawn id-deċiżjonijiet.*

*L-infieq dirett u esklussiv mal-mezzi tal-Partit Laburista mill-anqas jiksru r-rekwiżit etiku li l-Ministri jevitaw kunflitti t'interess jew li jħawdu r-rwol tagħhom fil-Gvern mal-isħubija tagħhom fil-Partit tagħhom.*

*Minbarra hekk, il-fatt li l-infiq tal-Gvern isir kollu fuq il-mezzi tal-Partit Laburista jfisser li mezzi oħra ma jġorrux l-istess informazzjoni li l-Gvern hu obbligat li jassigura li tasal għand kulħadd.*

*Wara r-rapport tiegħek fil-każ ta' Carmelo Abela, intużat l-iskuża viljakka li għalkemm l-aġir tiegħu ma kienx etiku, kellu jkun skansat kull konsegwenza għax ma kienx hemm regola espliċita li kienet tipprojbixxi dak li għamel.*

*Dakinhar u llum nirrespinġu din l-iskuża għax ebda kodiċi ta' etika ma jista' jipprovdi għal kull ċirkostanza possibbli u aġir kontra l-prinċipji etiċi għandu jsib konsegwenzi indipendentement minn jekk dak l-aġir hux espressament ipprojbit.*

*Minkejja dan, u waqt li l-Uffiċċju tiegħek għaddej bi sforz m'esperti biex isaħħaħ ir-regolamenti li jagħtu gwida għal imġieba aktar etika nitolbuk tikkonsidra tinkorpora s-sejbiet tiegħek dwar dan il-każ fi kwalunkwe riforma li jogħġbok tirrakkomanda.*

**Proċedura tal-Investigazzjoni**

19. Jiena akkwistajt kopja diġitali tas-suppliment li deher fis-16 ta' Jannar fl-intjer tiegħu.

20. Fit-2 ta' Frar 2022 jiena ktibt lil kull ministru u segretarju parlamentari li ppubblika riklam fis-suppliment. Ikkwotajtilhom id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Etika li jidhru fil-paragrafu 15 ta' dan ir-rapport, flimkien mad-dispożizzjonijiet tal-linji gwida li jidhru fil-paragrafu 16. Spjegajt illi d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Etika ser jiġu interpretati minni fid-dawl tal-linji gwida.

21. Ma' kull ittra annettejt ukoll kopja tar-riklam li kien ġie ppubblikat rispettivament minn kull ministeru jew entità fis-suppliment.

22. Tlabt lil kull ministru u lis-Segretarju Parlamentari Agius li jispjegawli s-segwenti fid-dawl tal-linji gwida li ħriġt:

- x'kienet ir-raġuni li ddeċidew li kellhom jiġu ppubblikati ir-riklami fil-ġurnal, u jekk kinux qed isegwu struzzjonijiet minn barra l-ministeri tagħhom;
- jekk ir-riklami dehrux f'xi ġurnal ieħor;

- kemm kienet l-ispiża totali fuq ir-riklami da parti ta' kull ministeru, dipartiment jew entità rilevanti, inkluż spejjeż bħall-fotografija u d-disinn;
- min awtorizza l-pagamenti għal dawn l-ispejjeż;
- jekk dawn l-ispejjeż kinux ġustifikati fl-interess pubbliku, u f'tali każ, fuq liema bażi;
- jekk il-pubblikazzjoni tar-riklam kienx jirrispetta l-imparzjalità tas-servizz pubbliku, ġaladarba skont il-proċedura normali l-ħlas tal-ispejjeż kellu jiġi approvat minn uffiċjal fis-servizz pubbliku.

23. Innutajt illi fis-17 ta' Jannar 2022, l-Onor. Claudette Buttigieg, deputat parlamentari tal-Oppożizzjoni, issottomettiet mistoqsijiet parlamentari lill-membri tal-Kabinett kollha, inkluż lill-Prim Ministru, fejn staqsiethom is-segwenti:

> *Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Ministeru tiegħu jew xi entità li taqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu għamlitx reklam fl-edizzjoni tal-gazzetta KullĦadd tas-16 ta' Jannar 2022 fl-okkażjoni tas-sentejn mill-ħatra ta' Robert Abela bħala Prim Ministru? Jekk iva, min approva dan ir-reklam u kemm ġie jiswa?* [6]

24. Il-ministri elenkati fil-paragrafu 5 ta' dan ir-rapport irrispondew il-mistoqsija parlamentari fis-seduti parlamentari tat-2, tas-7 u tat-8 ta' Frar. Kull ministru li ppubblika riklam fil-gazzetta (17-il ministru, inkluż wieħed li rrisponda wkoll għas-Segretarju Parlamentari Chris Agius, li kien jaqa' taħtu) irrisponda bl-istess mod:

> *Ninforma lill-Onorevoli interpellanta li, bħalma jiġri spiss matul is-sena, varji mezzi tal-midja u l-komunikazzjoni jiġu għand il-Ministeru u l-entitajiet tiegħu jitolbuna biex nirreklamaw magħhom dwar ħidma jew servizzi li ċittadin jista' jirrikorri għalihom.*

---

[6] Fil-każ tal-Prim Ministru, il-mistoqsija kienet "*Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk il-Ministeru tiegħu jew xi entità li taqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għamlitx reklam fl-edizzjoni tal-gazzetta KullĦadd tas-16 ta' Jannar 2022 fl-okkażjoni tas-sentejn mill-ħatra ta' Robert Abela bħala Prim Ministru? Jekk iva, min approva dan ir-reklam u kemm ġie jiswa?*" L-Uffiċċju tal-Prim Ministru rrisponda li l-ebda riklam ħareġ kemm mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, kemm mis-Segretarjat li jaqa' taħtu.

*Il-Ministeru u l-entitajiet ta' taħtu jirreklamaw ma' diversi mezzi tal-midja u t-talbiet isiru taħt diversi temi minn mezzi tradizzjonali bħal gazzetti, radjijiet u stazzjonijiet televiżivi, sa dawk aktar moderni, bħal portals, blogs, vlogs u websajts.*

*Hu d-dmir tagħna li ninfurmaw u nedukaw b'mod ġenerali u mingħajr dawn il-mezzi tal-midja kieku żgur ma kienx jirnexxielna nagħmlu dan. L-approvazzjoni tar-reklamar issir skont il-proċeduri stabbiliti.*

*Għal dan il-għan intużaw fondi allokati apposta fil-baġit tal-Ministeru bl-ispiża ta'* [kull ministru indika l-ammont li ntefaq] *(VAT esklużа).*

25. Bejn id-9 u l-14 ta' Frar 2022 jiena irċevejt ittri jew emails mingħand il-ministri kollha imsemmijin 'il fuq u mingħand is-Segretarju Parlamentari Chris Agius, fejn ilkoll kemm huma qalu s-segwenti:

*Nirreferi għall-ittra tiegħek tat-2 ta' Frar b'referenza għall-każ hawn fuq imsemmi.*

*Minħabba pressjonijiet urġenti ta' xogħol inkonnessjoni mal-kariga minni okkupata, ġentilment nitolbok tikkonċedili estensjoni ta' żmien, preferibbilment sa tmiem ix-xahar kurrenti, biex nagħtik tweġiba bit-tagħrif kollu meħtieġ.*

26. Jiena weġibt lill-ministri kollha u lis-Segretarju Parlamentari Chris Agius fil-15 ta' Frar 2022. Tajthom l-estensjoni li huma talbu u bgħattilhom ukoll kopja tal-ilment li jiena kont irċevejt mingħand l-għaqda volontarja Repubblika. Tlabthom jinkludu l-veduti tagħhom dwar dan l-ilment fir-risposta tagħhom għall-ittra tiegħi tat-2 ta' Frar.

27. Il-ministri kollha u s-Segretarju Parlamentari Agius reġgħu kitbuli fit-28 ta' Frar. Il-kontenut ta' dawn l-ittri huwa identiku ħlief fejn indikat fis-segwenti:

*Nibda billi nikkonferma illi qabel ma ġie rriservat u ppubblikat l-istampat inkwistjoni, ġiet segwita l-proċedura kollha relattiva. Dan jgħodd ukoll għall-ħlas tal-istampat ammontanti għas-somma ta'* [somma rilevanti] *(VAT esklużа).*

*Nikkonferma li dan l-istampat deher biss fuq il-gazzetta inkwistjoni u fuq stedina tal-istess gazzetta. Dan bl-istess mod li, minn żmien għal żmien,*

*jiġu ppubblikati artikli u stampat ieħor unikament fuq gazzetta waħda, fuq stedina ta' gazzetta, li ma tkunx neċessarjament il-KullĦadd.*

*Il-Ministeru jħoss li minn żmien għal żmien għandu jinforma dwar x'ikun qed isir bil-fondi pubbliċi u jxerred għarfien dwar kumpaniji kurrenti, bħal pereżempju* [eżempji ta' xogħol/proġetti ta' kull ministeru]*.*

*Għalhekk it-tagħrif mogħti b'dan l-istampat kien tabilħaqq fl-interess pubbliku.*

28. L-Onor. Edward Zammit Lewis, dak iż-żmien Ministru għall-Ġustizzja u l-Governanza, ipprovdieli wkoll kopja ta' fattura (annessa bħala dokument D) li tikkonferma l-ammont iddikjarat u li l-ħlas għar-riklam sar mill-Ministeru għall-Ġustizzja.

**Konsiderazzjonijiet**

29. Mill-fattura pprovduta mill-Onor. Edward Zammit Lewis, kif ukoll mir-risposti tal-ministri kollha u tas-Segretarju Parlamentari Chris Agius fejn stqarrew illi r-riklami nħarġu biex jippromwovu x-xogħol tal-ministeru jew segretarjat parlamentari in kwistjoni, jirriżulta illi l-ħlas għall-pubblikazzjoni tar-riklami suġġett tal-ilment sar permezz ta' fondi pubbliċi. Dan huwa kkonfermat ukoll mir-risposti tal-ministri għall-mistoqsija parlamentari li saritilhom.

30. Fl-ittra tiegħu kull ministru stqarr li "*ġiet segwita l-proċedura kollha relattiva*" fil-pubblikazzjoni tar-riklam u l-ħlas tiegħu. Nifhem li dan ifisser li l-ħlas ġie approvat mis-segretarju permanenti ta' kull ministeru jew minn uffiċjal għoli ieħor fis-servizz pubbliku, kif normalment jiġri.

31. It-tabella t'hawn taħt tiġbor l-informazzjoni relevanti li għandi għad-dispożizzjoni tiegħi dwar kull riklam uffiċjali li deher fis-suppliment.

| *Ministru jew segretarju parlamentari* | *Kemm intefaq fuq ir-riklam* | *Paġni meħuda mir-riklam* | *Jinkludix ritratt/i tal-ministru* |
|---|---|---|---|
| Carmelo Abela | €700 | 1 | Iva (żgħir) |
| Chris Agius | €1,100 | 2 | Iva |
| Owen Bonnici | €1,100 | 2 | Iva |
| Ian Borg | €700 | 1 | Iva |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Byron Camilleri | €700 | 1 | Iva (żgħir) |
| Clint Camilleri | €1,100 | 2 | Iva (żgħar) |
| Miriam Dalli | €700 | 1 | Iva (żgħir) |
| Michael Falzon | €1,100 | 2 | Iva |
| Aaron Farrugia | €700 | 1 | Le |
| Michael Farrugia | €2,000 | 4 | Iva |
| Julia Farrugia Portelli | €1,100 | 2 | Le |
| Chris Fearne | €700 | 1 | Iva |
| Roderick Galdes | €700 | 1 | Iva |
| Clifton Grima | €700 | 1 | Iva |
| Jose Herrera | €1,100 | 2 | Iva |
| Anton Refalo | €700 | 1 | Iva (żgħir) |
| Silvio Schembri | €700 | 1 | Iva |
| Edward Zammit Lewis | €1,100 | 2 | Iva |
| *Total ta' nfiq:* | *€16,700* | | |

32. Ta' min wieħed jinnota li f'żewġ każi hemm diskrepanza bejn l-ammont li ntefaq fuq ir-riklam kif mogħti mill-ministru relevanti fir-risposti tiegħu għall-ittra tiegħi u għall-mistoqsija parlamentari tal-Onor. Claudette Buttigieg.

33. Il-Ministru Aaron Farrugia ikkwota figura ta' €700 fir-risposta li ta lili iżda figura ta' €1,800 fir-risposta parlamentari tiegħu. Din id-diverġenza tirriżulta mill-fatt li huwa wieġeb il-mistoqsija parlamentari kemm għalih innifsu u kemm għas-Segretarju Parlamentari Chris Agius, li kien jaqa' taħtu. Il-figura ta' €1,800 taqbel mar-risposti li tawni separatament il-Ministru Farrugia u s-Segretarju Parlamentari Agius, li nefaq €1,100 fuq ir-riklam tiegħu.

34. Il-Ministru Michael Falzon ikkwota l-ammont ta €1,100 fir-risposta li ta lili u €2,000 fir-risposta parlamentari tiegħu. Ir-riklam tal-Ministru Falzon kien ta' żewġ paġni u l-ammont ta €1,100 jaqbel ma' dak imsemmi minn kull ministru ieħor li ppubblika riklam ta' żewġ paġni. Għalhekk jiena se noqgħod fuq l-ammont ta €1,100 għall-finijiet ta' dan ir-rapport u qed inqis l-ammont ta' €2,000 bħala wieħed żbaljat. Fi kwalunkwe każ id-diskrepanza mhix daqstant sinjifikattiva fid-dawl tal-każ komplessiv.

35. Fl-ittri tiegħi tat-2 ta' Frar 2022 jiena tlabt lil kull ministru jgħidli kemm kienet l-ispiża totali fuq ir-riklam tiegħu, inkluż spejjeż bħall-fotografija u d-disinn. Kull ministru semma biss kemm swiet il-pubblikazzjoni tar-riklam, sew fir-risposta tiegħu lili u sew fir-risposta tiegħu għall-mistoqsija parlamentari. Madankollu jidhirli li għandi biżżejjed informazzjoni biex nikkonkludi din l-investigazzjoni, tenut kont li dan il-każ jimmerita konklużjoni bikrija minħabba l-importanza tiegħu.

36. Għandi nikkunsidra tliet domandi in konnessjoni ma' dawn ir-riklami:

(a) Kellhom jinkludu ritratti ta' ministri?

(b) Ir-riklami fihom infushom jinkludu kontenut ta' natura partiġġjana?

(ċ) Indipendentement minn jekk il-kontenut ta' kull riklam hux partiġġjan jew le, il-fatt li r-riklami dehru biss f'gazzetta tal-partit fil-gvern ifisser li jirrappreżentaw infiq ta' fondi pubbliċi għal skop partiġġjan?

*L-użu ta' ritratti tal-ministri*

37. Il-linji gwida li ppubblikajt fit-2 ta' Awwissu 2021 jagħmlu distinzjoni bejn riklami u materjal promozzjonali (bħal per eżempju fuljetti u kartolini li jintbagħtu bil-posta). Ir-riklami u l-materjal promozzjonali tpoġġew f'kategoriji separati b'dan il-mod għaliex ċerti regoli fil-linji gwida japplikaw għal kategorija u mhux oħra.

38. Id-definizzjoni ta' riklamar tal-gvern li tinsab fil-paragrafu 2.2 tal-linji gwida hija s-segwenti:

> *In these guidelines, "government advertising" means the publication of communications –*
>
> *(a) against direct or indirect payment by a ministry or a government department, agency, entity or other body for which a minister is responsible; and*
>
> *(b) in any medium including printed matter, broadcasting by means of wireless telegraphy or wire or both, and electronic media.*

39. M'hemmx dubju li r-riklami uffiċjali li dehru fis-suppliment tal-gazzetta *KullĦadd* tas-16 ta' Jannar 2022 jaqgħu f'din id-definizzjoni. Għaldaqstant il-paragrafu 3.5 tal-linji gwida, li jgħid "*Government advertisements, as distinct from promotional material, should not include the names or photographs of ministers*", japplika għalihom. Din ir-regola hija maħsuba biex tiżgura li riklam

uffiċjali mħallas minn fondi pubbliċi ma jintużax bħala pubbliċità personali għal xi ministru. Ir-riklami kollha li jinkludu ritratt jew ritratti ta' ministru jew segretarju parlamentari, kif indikat fit-tabella fuq, kisru din id-dispożizzjoni fil-linji gwida.

40. Madankollu, f'ħames każi fejn it-tabella tindika li r-ritratt jew ritratti huma żgħar, dan ifisser li r-ritratt jew ritratti mhumiex prominenti fir-riklam. F'dawn il-każi nqis li l-ksur tar-regola 3.5 tal-linji gwida huwa minuri. Li kieku din biss kienet ir-raġuni għalfejn qed inqis li r-riklami jirrappreżentaw ksur ta' etika, kont infittex li nirriżolvi l-każ kontra l-ħames ministri in kwistjoni b'sempliċi apoloġija taħt l-artikolu 22(6) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, li jagħtini s-setgħa li nagħlaq każ jiena jekk il-każ ikun minuri u jiġi rimedjat b'mod sodisfaċenti.

*Kontenut partiġġjan*

41. Il-paragrafu 3.5 tal-linji gwida jgħid li riklam uffiċjali m'għandux isemmi ministru b'ismu. Barra minn hekk, il-paragrafu 3.3 tal-linji gwida jgħid "*Government advertisements and promotional material should not include any content that is of a partisan nature*."

42. Jekk wieħed jeskludi r-ritratti u jikkunsidra biss il-kontenut bil-miktub li fihom ir-riklami, wieħed isib li f'kull riklam hemm informazzjoni dwar inizjattivi meħuda mill-ministeri u l-entitajiet konċernati. Sakemm dan il-kontenut huwa fattwali, fih innifsu ma jirrendix ir-riklami partiġġjani. Biss, hemm tliet riklami li fil-fehma tiegħi jaqbżu l-linja bejn kontenut aċċettabbli u kontenut li jaqa' fil-partiġġjaniżmu:

(a) Ir-riklam tal-Ministru Ian Borg jgħid fost affarijiet oħra "*Niċċelebraw sentejn ta' suċċess taħt it-tmexxija tal-Prim Ministru Robert Abela fil-qasam tal-infrastruttura*". Dan imur kontra l-paragrafu 3.5 tal-linji gwida billi jsemmi l-Prim Ministru direttament. Barra minn hekk, id-dikjarazzjoni dwar sentejn ta' suċċess f'dan il-kuntest tirrappreżenta ftaħir politiku. Din tammonta għal dikjarazzjoni partiġġjana li mhux postha f'riklam uffiċjali tal-gvern.

(b) Ir-riklam tal-Ministru Edward Zammit Lewis huwa intitolat "*Sentejn ta' Robert Abela, sentejn ta ħidma bla preċedent fil-qasam tal-ġustizzja*". Ir-riklam ikompli jgħid "*Sentejn ilu Robert Abela ġie fdat b'kariga tant importanti għal pajjiżna dik ta' Prim Ministru u mexxej tal-Partit Laburista. F'sentejn rebaħ sfidi kbar u ġab riżultati pożittivi għal pajjiżna*."

Għal darb'oħra qed jissemma l-Prim Ministru b'ismu, u qed jiġi mfaħħar personalment permezz ta' riklam uffiċjali tal-gvern li addirittura jsemmi partit politiku b'ismu. Dan jirrendi riklam uffiċjali tal-gvern qisu riklam ta' partit politiku u jirrappreżenta ksur sfaċċat tal-paragrafi 3.3, 3.5 u 3.5 tal-linji gwida.

(ċ) Ir-riklam tas-Segretarju Parlamentari Chris Agius huwa intitolat "*Ħidmet is-Segretarju Parlamentari għall-Kostruzzjoni Chris Agius matul dawn is-sentejn taħt it-tmexxija tal-Prim Ministru Robert Abela*". Hawn ukoll qed jinkiser il-paragrafu 3.5 tal-linji gwida billi qed jissemmew b'isimhom is-Segretarju Parlamentari Agius u l-Prim Ministru. Dan it-titlu, flimkien ma' numru ta' ritratti tal-eks Segretarju Parlamentari, juri b'mod ċar illi l-iskop ewlieni ta' dan ir-riklam kien biex jingħata pubbliċità l-individwu u mhux ix-xogħol tal-gvern.

*Infiq ta' fondi pubbliċi fuq gazzetta tal-partit fil-gvern*

43. Il-paragrafu 3.11 tal-linji gwida jgħid "*Public funding should be directed to the media for advertising purposes on the basis of fair and objective criteria*." Din ir-regola hija maħsuba biex tevita diskriminazzjoni bejn entitajiet tal-midja differenti.

44. Fir-risposta tiegħu kull ministru jsostni li "*minn żmien għal żmien, jiġu ppubblikati artikli u stampat ieħor unikament fuq gazzetta waħda, fuq stedina ta' gazzetta, li ma tkunx neċessarjament il-KullĦadd*".

45. Ir-regola dwar "*fair and objective criteria*" ma tfissirx li kull riklam uffiċjali bilfors għandu jiġi ppubblikat fil-mezzi kollha tal-midja. Ministeru jista' jkun selettiv fit-tqassim tar-riklami, basta jagħmel dan skont kriterji oġġettivi u raġonevoli. Per eżempju, ikun ġustifikabbli jekk riklam li huwa intenzjonat għal udjenza speċjalizzata jidher biss f'pubblikazzjoni immirata lejn dik l-udjenza. Bl-istess mod, jekk gazzetta partikolari toħroġ suppliment dwar qasam partikolari, ikun ġustifikabbli li l-ministeru risponsabbli għal dak il-qasam jippubblika riklami f'dak is-suppliment.

46. Dan ir-raġunament iżda ma japplikax fil-każ preżenti għaliex is-suppliment tal-gazzetta *KullĦadd* tas-16 ta' Jannar 2022 kellu skop manifestament politiku u partiġġjan. L-iskop tas-suppliment kien li jfaħħar mexxej politiku u jiċċelebra l-anniversarju ta' sentejn minn mindu assuma t-tmexxija. Suppliment bi skop manifestament politiku u partiġġjan bħal dan ma kellux jiġi appoġġjat u sostnut minn riklami uffiċjali mħallsa minn fondi pubbliċi.

Jekk wieħed iħares lejn is-suppliment fl-intier tiegħu, jieħu l-impressjoni illi din il-pubblikazzjoni saret bl-appoġġ sħiħ u uffiċjali tal-gvern. Dan jirrappreżenta t-tħassir tal-linja li tissepara gvern minn partit u ma nista' nsib ebda ġustifikazzjoni għalih.

47. Diffiċli li wieħed jevita l-konklużjoni li l-pubblikazzjoni ta' riklami uffiċjali f'dan is-suppliment kien mekkaniżmu biex organu tal-partit fil-gvern jiġi sussidjat permezz ta' fondi pubbliċi.

**Konklużjonijiet**

48. Kif għedt fl-ittra tiegħi lill-Ispeaker u d-deputati parlamentari tas-6 ta' Awwissu 2021, il-linji gwida li jiena ppubblikajt dwar riklami tal-gvern ma jirrappreżentawx regoli ġodda fihom infushom. Il-linji gwida jindikaw kif bi ħsiebni ninterpreta r-regoli eżistenti fil-kodiċi ta' etika tal-ministri u l-kodiċi li japplika għall-persuni ta' fiduċja jekk ikolli każ li jinvolvi riklami jew materjal promozzjonali mħallas minn fondi pubbliċi.

49. Għaldaqstant, il-konsiderazzjonijiet dwar l-applikazzjoni tal-linji gwida fil-każ hawn taħt eżami jwasslu għal konklużjonijiet dwar jekk inkisrux xi dispożizzjonijiet tal-kodiċi ta' etika ministerjali.

50. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, hija l-konklużjoni tiegħi li t-tmintax-il ministru, eks ministru u eks segretarju parlamentari li jissemmew f'dan ir-rapport kisru l-artikoli 4.9, 4.10, 5.3 u 7.4 tal-kodiċi ta' etika ministerjali permezz tar-riklami uffiċjali li huma ppubblikaw fis-suppliment tal-gazzetta *KullĦadd* tas-16 ta' Jannar 2022.

51. Il-gazzetta *KullĦadd* kellha kull dritt toħroġ suppliment ta' din in-natura, iżda l-ministri konċernati ma messhomx nefqu fondi pubbliċi biex jappoġġjaw is-suppliment kif effettivament ġara. Dan l-infiq, li jammonta għal total ta' €16,700, jirrappreżenta nuqqas ta' separazzjoni bejn l-irwol ta' ministru u ta' membru ta' partit politiku (art. 4.9) u użu ħażin ta' fondi pubbliċi (art. 5.3). Jirrappreżenta wkoll ksur tal-prinċipju ta' imparzjalità tas-servizz pubbliku (art. 4.10 u 7.4) għaliex infiq minn ministeri jiġi approvat minn uffiċjali għolja fis-servizz pubbliku, li allura tpoġġew f'sitwazzjoni fejn kellhom japprovaw infiq ta' fondi pubbliċi għal skop politiku.

52. Fil-każ tal-Ministri Aaron Farrugia u Julia Farrugia Portelli, din l-imġiba hija attenwata mill-fatt li ma nkludewx ritratti tagħhom stess fir-riklami

ikkummissjonati minnhom. L-istess jgħodd ukoll għall-Ministri Byron Camilleri, Clint Camilleri, Miriam Dalli u Anton Refalo, kif ukoll tal-eks Ministru Carmelo Abela, li ma kellhomx ritratt prominenti.

53. Mill-banda l-oħra, din l-imġiba hija aggravata fil-każ tal-Ministru Ian Borg, u b'mod partikolari tal-eks Ministru Edward Zammit Lewis u l-eks Segretarju Parlamentari Chris Agius, minħabba n-natura partiġġjana tar-riklami tagħhom.

54. Nirrikonoxxi li l-prattika li jintużaw fondi pubbliċi biex tingħata pubbliċità lill-ministri kienet teżisti taħt gvernijiet differenti. Biss, kif għedt diversi drabi, l-għan tal-uffiċċju tiegħi hu li jagħti kontribut biex issir bidla fil-kultura u biex jogħlew l-istandards fil-ħajja pubblika. Ma jkunx kompatibbli ma' dan il-għan jekk prattiċi ħżiena jiġu skużati u perpetwati bl-iskuża li ilhom fis-seħħ. Għalhekk kien inkoraġġanti l-fatt li sakemm inqala' l-każ preżenti, il-linji gwida li jiena ħriġt kienu qegħdin jiġu segwiti mill-ministri. Daqstant ieħor huwa diżappuntanti li l-linji gwida ma ġewx segwiti fil-każ preżenti.

55. Dan ir-rapport qed jiġi mgħoddi lill-Kumitat għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika skont kif maħsub fl-artikolu 22(3) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika għal kwalsiasi azzjoni li jidhirlu xieraq ai termini tal-artikoli 27 u 28 tal-istess Att.

56. Sta għall-Kumitat li jiddeċiedi x'rimedju huwa xieraq skont l-artikolu 28 tal-Att, jekk jaqbel ma' dan ir-rapport skont l-artikolu 27(3). Biss, ta' min wieħed josserva li fil-House of Commons tar-Renju Unit, hija l-prattika li jekk deputat jinstab li għamel użu ħażin minn riżorsi pubbliċi, huwa jintalab iħallas lura lill-istat l-ispejjeż involuti.

57. Jiena konxju li Dr Josè Herrera m'għadux jaqa' taħt l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika billi m'għadux deputat parlamentari. Fil-11 ta' Jannar 2021 l-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati ta ruling[7] fejn qal li ma jistgħux jiġu imposti sanzjonijiet taħt l-artikolu 28 tal-Att fuq persuni li m'għadhomx jaqgħu taħt l-Att. Dan iżda la jaffettwa s-setgħat ta' investigazzjoni tiegħi taħt l-artikoli 13 u 19 tal-Att, u lanqas is-setgħa tal-Kumitat stess taħt l-artikolu 27 li jikkunsidra rapporti mressqa minni. Tant hu hekk li fil-każ li wassal għar-ruling tal-Ispeaker,

[7] Ruling nru 56 tat-Tlettax-il Leġiżlatura, aċċessibbli minn https://parlament.mt/media/110039/s-413-11012021-applikabilita-ta-sanzjonijiet-lil-eks-mps-standards.pdf.

il-Kumitat ikkunsidra r-rapport tiegħi[8] u adottah, jiġifieri qabel mal-konklużjoni tiegħi li f'dak il-każ kien hemm ksur ta' etika. Għalhekk inħoss li xorta għandi nirreferi l-każ ta' Dr Herrera lill-Kumitat bħala wieħed mill-persuni li huma s-suġġett ta' dan ir-rapport.

58. Skont il-proċedura miftehma fil-Kumitat fit-2 ta' April 2019, jiena miniex se nippubblika dan ir-rapport f'dan l-istadju, iżda se ninforma lill-Ilmentatur u lil dawk li ġew investigati li jiena ppreżentajt ir-rapport lill-Kumitat. Skont l-istess proċedura jiddeċiedi l-Kumitat meta għandu jirrilaxxa dan ir-rapport, iżda r-rakkomandazzjoni tiegħi hi li l-Kumitat għandu jirrilaxxa r-rapport fl-iqsar żmien prattikabbli fl-interess tat-trasparenza.

**Dr George Marius Hyzler**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

---

8 Rapport dwar il-każ K/022, aċċessibbli minn https://standardscommissioner.com/wp-content/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K022.pdf.

**Dokumenti Annessi**

| | |
|---|---|
| Dokument A | Is-suppliment li deher fil-gazzetta *KullĦadd* fis-16 ta' Jannar 2022. |
| Dokument B | Ittra datata 6 ta' Awwissu 2021 li permezz tagħha l-linji gwida dwar riklami u materjal promozzjonali tal-gvern intbagħtu lil kull deputat fil-Parlament. |
| Dokument Ċ | Ilment datat 5 ta' Frar 2022 minn Dr Robert Aquilina, President tal-għaqda voluntarja Repubblika. |
| Dokument D | Fattura mibgħuta mill-Onor Dr Edward Zammit Lewis, dak iż-żmien Ministru għall-Ġustizzja u l-Governanza. |

DOKUMENT A





# ROBERT ABELA

## SENTEJN PRIM MINISTRU

Suppliment speċjali dwar il-ħidma u l-kisbiet tal-Gvern Laburista minn Jannar 2020 lil hawn

Ritratt: **GARETH DEGIORGIO**

# 24 REKORD MATUL 24 XAHAR

## IL-KISBIET TA' PAJJIŻNA TAĦT IT-TMEXXIJA TAL-PRIM MINISTRU ROBERT ABELA JAGĦMLU MEDJA TA' WAĦDA GĦAL KULL XAHAR FOST DEĊIŻJONIJIET IMPORTANTI MEĦUDIN F'ĊIRKOSTANZI STRAORDINARJI


Ritratt: GARETH DEGIORGIO

Sentejn mill-ħatra tiegħu bħala Prim Ministru nhar it-13 ta' Jannar tal-2020, Dr Robert Abela ffaċċja fost l-aktar perjodu ta' sfida fl-istorja ta' pajjiżna, b'mod partikolari minħabba l-pandemija tal-COVID-19.

Fid-dawl ta' hekk, anke kieku Dr Abela rnexxielu jżomm dak li nkiseb qabel sar Prim Ministru, kienet tkun kisba kbira. Madankollu, analiżi tas-sitwazzjoni soċjali u ekonomika turi li minkejja l-isfidi bla preċedent, l-ewwel sentejn fil-kariga ta' Dr Abela se jinżlu fl-istorja bħala żmien ta' rekords bla preċedent.

Jekk Dr Abela ilu Prim Ministru 24 xahar biss, faċli nelenkaw 24 kisba, waħda għal kull xahar ta' deċiżjonijiet meħudin f'din il-kariga.

Ejjew nibdew bir-rekords ekonomiċi. Fit-tieni kwart tal-2021, Malta rreġistrat l-akbar rata ta' tkabbir ekonomiku li qatt ġiet osservata, b'żieda ta' kważi 15%. Fil-kwart ta' wara, intlaħaq l-ogħla livell ta' investiment qatt irreġistrat fl-istorja ekonomika tagħna b'investiment totali li jammonta għal €932 miljun fi tliet xhur biss. Taħt it-tmexxija ta' Dr Abela pajjiżna kellu wkoll l-ogħla valur ta' investiment dirett barrani f'Malta li laħaq is-somma ta' €4,643 miljun.

Intlaħaq l-ogħla numru ta' negozji attivi qatt irreġistrati, bi 53,348 entità li joperaw fil-gżejjer tagħna. Minħabba f'hekk fit-tielet kwart tal-2021 ġie rreġistrat l-ogħla livell ta' impjieg li qatt kien hemm fl-istorja, b'268,987 persuna f'impjieg bi qligħ.

Minkejja pandemija li kienet prevista li tolqot l-aktar l-impjieg tan-nisa, għax ħafna minnhom jaħdmu fis-servizzi, minflok pajjiżna kellu l-ogħla rata ta' impjieg femminili fl-istorja. Ir-rata tagħna ta' 66% kienet saħansitra aktar minn dik osservata madwar l-UE, meta sa ftit snin ilu pajjiżna kellu l-inqas rata ta' impjiegi fost in-nisa fl-Unjoni Ewropea.

Rekord ieħor fil-qasam tal-impjiegi miksub, minkejja l-pandemija, kien li qatt daqs illum ma kien hawn Għawdxin jaħdmu f'Għawdex stess, b'aktar minn 14,300.

L-ammont ta' dawk jirreġistraw għal xogħol sa Ottubru naqas għal 1,254 – jew sitt darbiet inqas minn Marzu 2013.

F'Settembru, il-familji Maltin u Għawdxin kellhom l-akbar ammont fl-istorja ta' depożiti mal-banek lokali, għal ammont ta' €15,202 miljun jew kważi d-doppju ta' dak li kellhom f'Marzu 2013.

Minflok is-suq tad-djar iġġammja minħabba l-pandemija, għandna l-ogħla numru ta' sidien tad-djar fl-istorja tagħna, b'aktar minn 162,000.

Min-naħa l-oħra, il-lista ta' stennija għall-akkomodazzjoni soċjali tinsab fl-aktar livell baxx, bi ftit aktar minn 1,300 talba għal din l-assistenza.

Bl-istess mod sat-tielet kwart tal-2021, pajjiżu kellu l-inqas numru ta' persuni jiddependu fuq il-benefiċċju tal-assistenza soċjali, ferm inqas minn nofs il-livell fl-2013.

Fl-2020 Malta kellha l-aktar rata baxxa ta' dawk li jitilqu kmieni mill-iskola fl-istorja, żewġ terzi tar-rata taħt l-aħħar amministrazzjoni Nazzjonalista. Fl-istess ħin għall-ewwel darba, aktar minn kwart tal-forza tax-xogħol tagħna kellha lawrja universitarja.

Is-suċċess ekonomiku u soċjali tal-amministrazzjoni ta' Abela huwa attribwit għal strateġija ekonomika progressiva b'żewġ pilastri ewlenin: dik li żżomm l-inqas piżijiet possibbli fuq il-familji u n-negozji, u fuq żieda kontinwa fl-investiment pubbliku.

Fl-2020, il-piż tat-taxxa naqas għal livell baxx rekord ta' 30.4% tal-ġid nazzjonali, tliet punti perċentwali anqas milli kien taħt l-aħħar amministrazzjoni Nazzjonalista.

Minflok il-prezzijiet tal-fuel żdiedu bid-doppju tal-medja tal-UE, kif kienu għamlu taħt l-Gvern ta' GonziPN, f'Diċembru l-konsumaturi Maltin kellhom l-aktar prezzijiet baxxi tad-diesel fl-UE, 26ċ jew kwint inqas mill-medja Ewropea.

Filwaqt li f'kundizzjonijiet inqas diffiċli, Gvern Nazzjonalista kien żied il-prezzijiet tal-elettriku bi tliet darbiet iż-żieda medja tal-UE, taħt Dr Robert Abela l-familji għandhom l-inqas kontijiet tal-elettriku fiż-żona ewro, u qed iħallsu 10ċ4 jew 45% inqas miċ-ċittadin medju Ewropew.

Filwaqt li qabel l-2013 ir-rata tal-inflazzjoni ta' Malta kienet dejjem ogħla minn dik fl-Ewropa, Malta bħalissa għandha l-inqas rata ta' inflazzjoni fl-UE, b'inqas minn nofs il-medja.

Taħt Dr Robert Abela, Malta kisbet l-akbar pakkett finanzjarju li qatt inkiseb mill-UE, b'€2,250 miljun li ser jgħinu biex pajjiżna jlesti b'suċċess it-trasformazzjoni diġitali u ambjentali.

L-amministrazzjoni ta' Abela wasslet għal impenn ambjentali bla preċedent. Fost il-kisbiet, wieħed jista' jsemmi s-70,000 siġra mħawla mill-2020 'l hawn, l-inqas proporzjon li qatt kien hemm ta' ilma moħli matul il-produzzjoni tal-ilma, l-akbar ammont ta' enerġija ġġenerata mill-pannelli solari, l-akbar numru ta' vetturi li jaħdmu b'enerġija alternattiva, u l-fatt li aktar minn terz tal-iskart tal-plastik qed jiġi riċiklat.

> "L-ewwel sentejn ta' Robert Abela fil-kariga ta' Prim Ministru se jitniżżlu fl-istorja bħala żmien ta' rekords mingħajr preċedent li minnhom gawda l-poplu kollu

Taħt Dr Robert Abela, l-investiment tal-istat fis-saħħa laħaq livelli bla preċedent, b'€973 miljun ivvotati għal dan il-għan fil-Baġit għall-2022.

Rekord li jinqabeż biss mir-rekord ta' €1,213 miljun ivvotati għas-servizzi soċjali.

Dan l-investiment kontinwu jsegwi l-assistenza finanzjarja ġeneruża li ngħatat mill-Gvern, rekord ta' għajnuniet li servew biex jipproteġu lill-familji u lin-negozji mill-impatt ekonomiku tal-pandemija. B'mod dirett, il-Gvern alloka €1,500 miljun f'assistenza u dan ġie ssupplimentat b'€2,500 miljun oħra f'assistenza indiretta bis-saħħa ta' moratorji ta' self u self garantit mill-Istat.

L-24 u l-aħħar rekord li se nsemmu huwa possibbilment l-iktar impressjonanti. Wieħed kien jistenna li Gvern li kellu jaffronta pandemija kien jiffoka biss fuq hekk. Minflok, l-ewwel sentejn ta' Dr Robert Abela bħala Prim Ministru se jinżlu fl-istorja bħala l-aktar programm leġiżlattiv komprensiv li qatt sar.

F'24 xahar kien hemm 165 abbozz ta' liġi li fuqhom beda jew ġie konkluż id-dibattitu. F'darbtejn u nofs dan iż-żmien, l-aħħar amministrazzjoni Nazzjonalista kienet rat tliet kwarti tan-numru ta' abbozzi. F'pandemija amministrazzjoni Laburista kellha produttività leġiżlattiva aktar minn tliet darbiet aħjar.

*Ara wkoll paġni 28 u 29*




**Saħħaħna s-servizzi tas-saħħa fil-komunità**
Ftaħna u rrinovajna 14-il berġa fil-komunità madwar Malta u Għawdex u investejna fiċ-Ċentru għat-Telemedicine fejn iċ-ċittadini jistgħu iċemplu 21231231 / 21222444 għall-għajnuna.

**Programm ta' vaċċinazzjoni nazzjonali**
Malta hija waħda mill-aktar pajjiżi fid-dinja b'rata ta' tilqim għoli, li dan sar permezz ta' ċentri mferrxa madwar Malta u Għawdex u konsenji adekwati tal-vaċċin li pproteġew liċ-ċittadini. Applika għall-vaċċin fuq vaccin.gov.mt



**Lejn servizz tas-saħħa mentali ħolistku**
Għaddejjin b'xogħlijiet infrastrutturali sabiex issir rinovazzjoni tal-iswali fl-Isptar Monte Karmeli. Pazjenti li m'għandhomx bżonn jirċievu kura fl-isptar qegħdin ikunu trattati f'ċentri ħolistiċi, filwaqt li qed inżidu s-servizzi fil-komunità.



**Investiment kontinwu fl-Isptar Mater Dei**
Matul l-aħħar sentejn infetħu swali speċjalizzati għal mard infettiv gravi u għall-irkupru minn operazzjonijiet sensittivi. Sar investiment fil-makkinarju, fil-laboratorji tad-dmija, fil-*control room* għas-servizz t'emerġenza u fil-flotta tal-ambulanzi.

**Proġetti infrastrutturali għall-ġejjieni**
Matul dawn is-sentejn kompla tiela' l-bini taċ-Ċentru Reġjonali għas-Saħħa Vincent Moran f'Raħal Ġdid. Ċentru li se jkun qed jiġbor taħt saqaf wieħed diversi servizzi tas-saħħa, li jkunu diċentralizzati mill-isptar Mater Dei għall-komunità.





GOVERNMENT OF MALTA
OFFICE OF THE DEPUTY PRIME MINISTER
AND MINISTRY FOR HEALTH

saħħa




## “ **Flimkien** nistgħu niksbu **ħafna aktar milli waħedna.**

Il-Gvern u l-Arċidjoċesi ta' Malta ffirmaw ftehim li ssiġġilla t-**twaqqif tal-ewwel Fondazzjoni tal-Akkomodazzjoni Affordabbli f'Malta**, u li permezz tiegħu, il-Gvern u l-Knisja se jaħdmu flimkien biex jinħoloq saff ta' akkomodazzjoni ieħor, inizjalment ta' kiri, b'rati inqas minn tas-suq, miftuħ għal nies bi dħul baxx sa medju.

il-Gvern ikkommetta €300,000 fis-sena għall-ewwel 25 sena lill-fondazzjoni biex jiffaċilita l-operat tagħha, filwaqt li l-Arċidjoċesi se tgħaddi lill-fondazzjoni l-Kunvent ta' Santa Giovanna t'Ark li jinsab fiċ-ċentru ta' Ħal Kirkop, b'ċens temporanju ta' 25 sena. Din il-proprjetà tal-Knisja, li ma kinitx qed tintuża u li huwa stmat li tiswa mal-miljun ewro, se tospita l-ewwel inizjattiva ta' akkomodazzjoni affordabbli mmexxija minn din il-fondazzjoni. **L-għan fit-tul tal-fondazzjoni hu li tipprovdi akkomodazzjoni affordabbli ta' kwalità u li tkun ekonomikament, ambjentalment u soċjalment sostenibbli.**

akkomodazzjoni

# INĦADDRU L-KOMUNITAJIET TAGĦNA

Proġetti ta' tħaddir fl-urban minn **Ambjent Malta**



MADONNA TA' FATIMA, TAL-PIETÀ



VJAL IL-ĦELSIEN, ĦAŻ-ŻEBBUĠ



ĠNIEN SPENCER, MARSA



STORMWATER CULVERT, ĦAL QORMI

# ĦIDMA GĦALL-FAMILJI

familja

## Maltin u Għawdxin



### ALLOKAZZJONI SOĊJALI REKORD TA' KULL ŻMIEN

Fis-sena 2022, il-Ministeru għas-Solidarjetà u l-Ġustizzja Soċjali, il-Familja u d-Drittijiet tat-Tfal għnadu allokazzjoni rekord ta' €1.8 biljuni. Nefqa li minnha se jkun qed igawdi l-poplu Malti u Għawdxi kollu.

Il-benefiċċji tas-sigurta' soċjali kontributorji u non-kontributorji, flimkien mal-pensjonijiet tas-servizz in-nefqa issa telgħet għal biljun, tlett mija u sebgħa u għoxrin miljun ewro (€1,327,000,000).

Din is-sena n-nefqa fuq pensjonijiet se tilħaq is-somma ta' biljun ewro.

### AKTAR NIES JIBBENEFIKAW MILL-INWORK BENEFIT

Mijiet ta' persuni bdew jibbenefikaw minn rati għola tal-benefiċċju tal-inwork benefit. Ir-rati għola ssaħħu waqt il-Mini Budget ta' Ġunju tas-sena 2020, bħala parti mill-pjan ta' Riġenerazzjoni tal-Gvern, fid-dawl tal-pandemija Covid-19. Din iż-żieda qed igawdu minnha koppji li t-tnejn jaħdmu, single parents u koppji fejn jaħdem ġenitur wieħed biss.

Dawn il-persuni li rċivew dan il-pagament raw żieda ta' €250 għal kull household, filwaqt li qed igawdu minn pagamenti bir-rati l-ġodda miżjuda.

### ŻIDIET FL-GĦAJNUNA SUPPLIMENTARI

Bdew jitħallsu ż-żidiet fl-Għajnuna Supplimentari imħabbra fil-Baġit 2022, li jvarjaw bejn €3.47 u €6.50 fil-ġimgħa. Dawn jitħallsu minbarra ż-żidiet l-oħra li l-benefiċjarji tagħhom ikollhom dritt għalihom, bħal żidiet fil-pensjonijiet u benefiċċji soċjali oħra.

Tul din is-sena, b'kollox ibbenefikaw 21,590 persuna u gawdew minn €17.5 miljuni.




COVID-19 INFO PAGE

### GĦAJNUNIET WAQT IL-PANDEMIJA

Meta faqgħet il-pandemija tal-Covid-19, il-Ministeru Soċjali, ħabbar proċess ta' ħlasijiet ta' benefiċċji soċjali mmirati għall-ħaddiema fis-settur privat, inkluż self-employed, li ntlaqtu bil-Covid-19. Dan apparti, il-Covid Wage Suppliment, li kien qed jingħata mill-Ministeru għall-Ekonomija.

Aktar minn 8,500 persuna bbenefikaw minn iktar minn €15 miljun, f'benefiċċji adizzjonali minn dan il-Ministeru.



## INAWGURAT ĊENTRU GĦALL-ADOLOXXENTI BI PROBLEMI TA' DROGA

Il-Gvern, b'kollaborazzjoni mal-Caritas, iffirma ftehim soċjali għat-tliet snin li ġejjin, b'investiment t'aktar minn €3 miljuni, filwaqt li ntefqu mal-€4 miljuni oħra sabiex ittella' l-bini u jkun attrezzat bl-aħjar riżorsi possibbli.

Dan huwa ċentru tal-ewwel tip tiegħu f'Malta, mgħammar bl-aqwa faċilitajiet possibli, fejn l-adoloxxenti jingħataw l-edukazzjoni hemm stess u saħansitra jgħixu u jorqdu hemm, sakemm verament ikunu jistgħu lura fis-soċjeta'.

## ŻIDIET FIL-PENSJONIJIET

Iż-żieda fil-pensjonijiet ta' din is-sena ma kienitx iżolata, tant li din hija s-seba' waħda konsekuttiva, b'dawn iwasslu għal żieda ta' 44% fil-pensjonijiet, ekwivalenti żieda ta' kważi bin-nofs ta' dak li pensjonant kien jieħu 8 snin ilu. Illum kull pensjonant qed igawdi minn żieda ta' €1,687.

Kull pensjonant se jkun qed igawdi minn żieda ta' €5 fil-ġimgħa. Iz-żieda hija ta' €3.25 fir-rata tal-pensjoni u €1.75 għall-għoli tal-ħajja, bil-benefiċjarji huma dawk il-Pensjonanti ta' l-Irtirar, tar-Romol, tal-Invalidità, u tal-Eta'.

## TNAQQIS KONTINWU FIL-FAQAR U L-ESKLUŻJONI SOĊJALI

Kompliet tonqos ir-rata ta' persuni f'riskju ta' faqar jew eskluzjoni soċjali naqset għal 19.9% fl-2020 minn 20.8% sena qabel. L-akbar titjib kien osservat fost dawk ta' età ta' akbar minn 65 sena, fejn ir-rata naqset bi 2.2% meta mqabbla mal-2019. Anke fost it-tfal kien hemm tnaqqis sinifikanti fir-riskju ta' faqar jew eskluzjoni soċjali, bir-rata tonqos b'1.3% fl-2020. Dan juri li l-politika tal-Gvern li jsostni lill-pensjonanti u lill-familji bit-tfal qed tħalli l-frott.



Fl-2013 ir-rata ta' dawk f'riskju ta' faqar jew eskluzjoni soċjali kienet ta' 24.6%, li jfisser li f'7 snin ir-rata naqset bi kważi kwart milli kienet qabel il-bidla fil-Gvern. B'kuntrast fis-7 snin ta' qabel l-2013 kien hemm żieda minn 19.5% għal 24.6%, fi kliem ieħor kienet żdiedet b'aktar minn kwart taħt il-Gvern preċedenti. Bil-kejl l-oriġinali, ir-rata reġistrata fl-2020 hija l-anqas rata qatt reġistrata mindu bdiet tinġabar din l-istatistika f'pajjiżna.

Imqabbel mal-2014, illum 2 minn kull 3 persuni m'għadhomx f'Ċaħda Materjali Severa waqt li 3 minn kull 5 persuni m'għadhomx f'Ċaħda Materjali.




## JIDĦOL FIS-SEĦĦ IL-KUNĊETT MANDATORY REPORTING U TIBDA TOPERA Ċ-'CHILDREN'S HOUSE'

Jibda' jitħaddem il-kunċett tal-'mandatory reporting', li l-għan aħħari tiegħu huwa li jitħaffef il-proċess ta' meta ikun hemm xi tip t'abbuż fuq minorenni. Issa il-maġġoranza tal-professjonisti li jaħdmu mat-tfal, huma obbligati li jirrapurtaw suspett jew inkella ċertezza ta' xi trattament ħazin fuq it-tfal.

Bdiet topera wkoll iċ-Children's House, fejn it-tfal issa jistgħu jixhdu f'ambjent iktar adattat, mingħajr il-bżonn li jidħlu l-Qorti. F'dan il-post se tkun qed tingħata wkoll għajnuna professjonali lit-tfal illi ħafa drabi jkunu għaddejja minn trawma psikoloġika.

# GĦAWDEX



Għaddej ġmielu x-xogħol fuq Triq l-Imġarr, in-Nadur




Beda jopera s-servizz ta' Park & Ride mix-Xewkija għall-Imġarr permezz ta' karozzi tal-linja 100% elettriċi





Il-proġett tal-Waterfront ta' Marsalforn



Il-proġett ta' riġenerazzjoni tad-Dry Standing Area fix-Xlendi




Il-Ministeru għal Għawdex nieda diversi skemi sabiex joħloq aktar xogħol f'Għawdex u għall-Għawdxin fosthom il-Gozo Teleworking Scheme, il-Gozo Employment Refund Scheme u l-Gozo Back Office Employment Refund Scheme.



Il-Mitħna tax-Xewkija... investiment b'parti sostanzjali minnu minn Fondi Ewropej sabiex ġiet restawrata u nfetħet għall-pubbliku



Fl-1 ta' Ġunju beda jopera s-Servizz tal-Fast Ferry bejn l-Imġarr Għawdex u l-Belt Valletta



Inawgurat Uffiċċju Ġdid f'Għawdex Għall-Organizzazzjoni LGBTIQ+ Gozo



Tinfetaħ Dar Il-Kantuniera - Iffirmat ftehim biex f'Għawdex jiġu offruti servizzi fil-qasam tas-saħħa mentali fil-komunità



Il-proġett massiċċ u tant mistenni taċ-Ċentru Akkwatiku u Sportiv, fir-Rabat, Għawdex li se jinkludi pixxina ta' daqs Olimpiku u faċilitajiet sportivi oħra



Pjazza San Franġisk fil-qalba tal-belt Victoria ngħatat dehra kompletament ġdida wara proġett ta' riġenerazzjoni u ta' tisbiħ

ekonomija



# MEXXEJNA L-EKONOMIJA ‘L QUDDIEM MINKEJJA LI L-ISFIDI KIENU KBAR




Komplejna nsaħħu u nattiraw kumpaniji ġodda tal-gaming



Investimenti ġodda fil-qasam tal-manifattura



In-negozji ż-żgħar fil-qalba tal-politika tagħna



Aktar setturi ekonomiċi ġodda

GVERN TA’ MALTA
MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA U L-INDUSTRIJA




GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD,
L-IKEL U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

# ĦIDMA FAVUR L-AGRIKOLTURA, IS-SAJD, L-IKEL U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

Il-viżjoni tal-Gvern hi li jagħmel is-setturi tal-agrikoltura u s-sajd aktar sostenibbli u dan permezz ta' ħidma favur il-bdiewa, ir-raħħala u s-sajjieda. Il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali qiegħed jaħdem sabiex ikompli jindirizza l-isfidi u joħloq opportunitajiet ġodda.

Matul din is-sena l-Gvern ivvota budget konsiderevoli, li flimkien mal-akbar investiment ta' Fondi Ewropej ser jiġu mwettqa għadd ta' proġetti li l-għan ewlieni tagħhom huwa li l-bdiewa, is-sajjieda u r-raħħala jiġu provduti l-għodod neċessarji, l-għajnuna li hemm bżonn u l-ispazju adattat sabiex jilqgħu għad-domanda tas-suq Malti u l-possibiltà ta' swieq ġodda.

Bl-istess entużjażmu u impenn ser tissokta l-ħidma favur il-ħarsien tal-annimali bit-tisħiħ tas-servizzi offruti, għajnuna lill-għaqdiet, il-promozzjoni u proġetti ġodda għal ġid tal-ħarsien tal-annimali.

# Sentejn ta' xogħlijiet infrastrutturali

Niċċelebraw sentejn ta' suċċess taħt it-tmexxija tal-Prim Ministru **Robert Abela** fil-qasam tal-infrastruttura.




## Inawgurat l-akbar proġett infrastrutturali ta' pajjiżna b'investiment ta' €70 miljun

### Il-Marsa Junction

**79% inqas f'ħin ta' vjaġġar u 70% anqas emissjonijiet tal-arja għal aktar minn 100,000 persuna li tivjaġġa f'dawn l-inħawi.**

Park and ride ġdid li jesa' 380 vettura.

Cycle lane ġdida u 2 pontijiet pedonali.

Imsebbaħ bi 18,000 sigra u arbuxell.






## Jinfetħu l-mini ta' Santa Luċija Roundabout Underpass Project

30% inqas f'ħin tal-ivvjaġġar.

Disinn ġdid tar-roundabout.

Rikostruzzjoni tal-jogging track fil-viċin, subway u korsija pedonali.



## Inawgurat il-ftuħ uffiċjali tal-pont pedonali u għaċ-ċiklisti f'Kordin

**Investiment ta' €1.6 miljun. | Faċilitajiet ta' lifts, rampi ġodda u sistemi ta' dwal u CCTV. | Miżrugħa 150 sigra indiġena u 65 arbuxxell.**




## Jitnieda s-servizz tal-fast ferry

Fl-ewwel xahar biss ġie użat minn 42,000 passiġġier, total ta' 1,086 vjaġġ.

Vjaġġ f'inqas minn 45 minuta biss.

Żieda ta' rotot ġodda f'dak li hu trasport Pubbliku.

## Jiġu ppublikati l-istudji tal-metro

Studji voluminużi li saru b'kollaborazzjoni mal-kumpanija ta' fama internazzjonali ARUP.

Kunċett li ħoloq interess u diskussjoni nazzjonali.

L-istudji tal-metro ġew anke pprezentati lill-Kummisjoni Ewropea.

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI

# Aktar Riżultati Pożittivi

djalogu soċjali

**88.85%** tal-Manifest Elettorali mwettaq. Ir-rata tiġi mkejla permezz tal-koordinazzjoni effettiva, moniteraġġ, u komunikazzjoni kontinwa mal-Ministeri tal-Gvern, Dipartimenti u Entitajiet.

“Dan il-gvern kommess li jagħmel minn kollox biex jipproteġi u jsaħħaħ il-kundizzjonijiet tal-ħaddiema tagħna.” Il-Ministru fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, Carmelo Abela

## Id-Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg - DIER

**38,000** impjieg salvat matul il-pandemija, bl-interventi tad-DIER, wara numru ta' investigazzjonijiet li saru, fejn issarrfu fi qbil bejn l-impjegati, ir-rappreżentanti tagħhom, u min iħaddem.

**2,288** każ irreġistrat mid-DIER fuq perjodu ta' sentejn, fejn saru aktar minn **240** spezzjoni fuq il-post tax-xogħol, u filwaqt li ġew intervistati 'il fuq minn **1,000** impjegat, instabu madwar **150** irregolarità.

“Issa lħaqna l-mira tagħna bħala gvern, fejn għandna MCESD jiffunzjona b'mod aktar proattiv, u b'hekk id-djalogu soċjali qed ikompli dejjem jissaħħaħ.” Il-Ministru fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, Carmelo Abela



## Il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali - MCESD

Aktar minn **€100,000** f'fondi tal-Unjoni Ewropea ġew mogħtija lill-MCESD biex ikompli jissaħħaħ id-djalogu soċjali f'Malta, u jkun mibni fuq riċerka bbażata fuq l-evidenza.

Ġew rakkomandati **5** oqsma ta' prijorità, fejn esperti flimkien mas-sħab soċjali qed jaħdmu biex tinġabar riċerka dwar suġġetti diversi li jiġu diskussi fl-MCESD. Is-suġġetti li ġew stabbiliti sal-lum, għar-rierka li qed issir, huma: Is-Sostenibbiltà Ambjentali, L-Ekwità, Il-Produttività u l-Innovazzjoni, L-Istabbiltà Fiskali, u l-Miżuri ta' Rkupru għal Żmien Qasir.

“Saħħaħna l-operat tal-Aġenzija SEM, li tagħmel l-Unjoni Ewropea iktar aċċessibli għaċ-ċittadini.” Il-Ministru fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, Carmelo Abela



## Servizzi Ewropej f'Malta - SEM

Ġew sottomessi mal-**200** applikazzjoni għal proġetti b'fondi Ewropej, b'valur ta' aktar minn **€26** miljun. Permezz ta' servizz ġdid, fl-2021, ġew megħjuna **14**-il organizzazzjoni biex jimplimentaw il-proġetti tagħhom.

Saru **156** attività f'konferenzi, sessjonijiet ta' informazzjoni u taħriġ, fosthom **40** attività ta' diskussjoni marbuta mal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa.

“Kommessi li nkomplu naħdmu biex nilħqu lil kulħadd, u jkollna xandir ta' kwalità u inklussiv.” Il-Ministru fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, Carmelo Abela

## Ix-Xandir Pubbliku

**€30** miljun allokati mill-gvern għall-PBS fuq medda ta' ħames snin, li għandu jwassal għal iktar titjib fil-prodott tal-PBS.

**€800,000** fi skema ta' Fond ta' Produzzjoni u Kontenut Televiżiv, li tnediet biex tgħin lill-produtturi lokali jtejbu l-kwalità tal-produzzjonijiet televiżivi rispettivi.

## Il-Privatisation Unit

Għaddejjin diskussjonijiet, uħud fi stadju avvanzat, u oħrajn issemmew pubblikament diġà, fuq **13**-il proġett, li għandhom ikunu ta' valur miżjud għall-ekonomija Maltija.

GVERN TA' MALTA
MINISTRU FL-UFFIĊĊJU
TAL-PRIM MINISTRU

# INSAĦĦU L-ĠENERAZZJONI FUTURA BL-**EDUKAZZJONI** U **L-ISPORT**

- **Ħolma li se ssir realtà - Faċilità tal-motorsport** proġett ta' livell internazzjonali b'investiment ta' **€20 miljun f'Ħal Far.** Proġett li se jkun wieħed tal-ogħla livell li minnu se jgawdi kulħadd.
- **Investiment fl-Atleti**
  **€5 miljun lil 10 assoċjazzjonijiet sportivi** biex jibda t-taħriġ tal-atleti Maltin għal-**Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar 2023**. Gvern li huwa ta' spalla biex l-aspirazzjonijiet tal-isportivi jkunu jistgħu jintlaħqu.
- Ikompli x-xogħol fuq il-**pixxina indoor f'Bormla** li jinsab fi stadju avvanzat. Proġett ta' **livell Olimpiku** u opportunità eċċellenti għas-settur akkwatiku tal-isport f'pajjiżna biex ikompli jieħu spinta 'l quddiem u jkompli jagħti kontribut għal aktar suċċessi li nkisbu fl-aħħar snin.

## EDUKAZZJONI

- Investiment infrastrutturali bla preċedent fis-settur edukattiv fosthom fuq il-**kampus tal-MCAST f'Malta u Għawdex** – ikomplu jitjiebu l-opportunitajiet għall-istudenti kollha.
- **Investiment fl-istudenti u l-edukaturi,** inkomplu ntejbu dan is-settur biex l-edukazzjoni tkun waħda sħiħa li tingħatha f'ambjent addattat għal uliedna u l-edukaturi.

**L-IKBAR INVESTIMENT FIS-SETTUR TAL-EDUKAZZJONI U TAL-ISPORT**



GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U L-ISPORT

edukazzjoni


Investejna
fil-Protezzjoni Ċivili
b'aktar vetturi ġodda,
apparat speċjalizzat u taħriġ
Estendejna s-servizz
tal-community policing
f'lokalitajiet ġodda inkluż
f'Għawdex kollu
sigurtà
Ninvestu
fis-sigurtà tiegħek
Żidna l-isforzi tagħna biex
niġġieldu l-immigrazzjoni
rregolari u nnaqqsu l-wasliet
VICTIM SUPPORT AGENCY
Waqqafna l-Victim
Support Agency biex
nipprovdu servizz
aqwa favur il-vittmi
COMMUNITY OFFICER
LESA
Investejna
€3 miljun
minn fondi
tal-LESA favur
il-Kunsilli Lokali biex
isiru proġetti
fil-lokalitajiet Maltin u
Għawdxin
Beda jopera ċentru
mediku ġdid fil-Faċilità
Korrettiva ta' Kordin
filwaqt li ser jibda'
jinbena l-ewwel ċentru
rijabilitattiv
Investejna €50
miljun fuq lanċa
ġdida biex
tissaħħaħ
l-iskwadra
Marittima tal-Forzi
Armati
Saħħaħna l-kundizzjonijiet tal-ħaddiema kollha
tal-forzi dixxiplinati
sigurtà
Il-Korp tal-Pulizija
spalla għall-vittmi ta'
vjolenza domestika
b'taqsima ġdida
PULIZIJA TA' MALTA
DOMINE DIRIGE NOS
GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-INTERN,
IS-SIGURTÀ NAZZJONALI
U L-INFURZAR TAL-LIĠI

1




14.9% TKABBIR
L-akbar rata ta' rkupru ekonomiku

2



€932 MILJUN
L-akbar livell ta' investiment



12



€2.25 BILJUN
L-akbar pakkett finanzjarju mill-UE

11



1,321
L-inqas lista għal housing soċjali

# 24 XAHAR



€1.5 BILJUN
L-akbar appoġġ finanzjarju dirett mill-Gvern

13



25.1%
L-aktar persuni b'edukazzjoni terzjarja

14



70,000 / 233GWh
L-akbar impenn ambjentali b'siġar ġodda u enerġija mix-xemx

15



€4.643 BILJUN
L-akbar rata ta' investiment barrani

16



24



1.4%
L-inqas rata ta' inflazzjoni fiż-Żona Ewro

23



12ċ8 (UNIT)
L-orħos prezz tal-elettriku fiż-Żona Ewro

22



€15.2 BILJUN
L-akbar depożiti mill-familji fil-banek

21



€1.21 (LITRU)
L-inqas prezz tad-diesel fl-UE



**3**

53,348
**L-akbar numru ta' negozji attivi**



**4**

268,987
**L-akbar numru ta' persuni jaħdmu**



**5**

66%
**L-aqwa rata ta' nisa jaħdmu**



**6**

14,313
**L-aktar Għawdxin jaħdmu f'Għawdex**



**10**



**9**

12.6%
**L-inqas rata ta' early school leavers**




**8**

1,254
**L-inqas persuni jirreġistraw**



**7**

4,334
**L-inqas nies fuq assistenza soċjali**



€973 MILJUN
**L-akbar ammont investit fis-saħħa**

# 24 REKORD



**17**

165 LIĠI
**L-akbar impenn leġiżlattiv**



**18**

162,638
**L-akbar ammont ta' familji sidien ta' djarhom**





**20**

30.4%
**L-inqas piż ta' taxxa**



**19**

€1.213 BILJUN
**L-akbar ammont investit fis-servizzi soċjali**



# Inklużjoni

Kommessi li nkomplu nsaħħu s-soċjal, bi kwalità ta' ħajja aħjar lill-persuni b'diżabilità, żgħażagħ u l-volontarjat

inklużjoni

## Diżabilità

L-akbar baġit fl-istorja għall-persuni b'diżabilità li €50 miljun imorru direttament f'dan is-settur

L-ewwel **Strateġija Nazzjonali għall-persuni b'diżabilità** għad-disa' snin li ġejjin

L-ewwel **Strateġija Nazzjonali dwar l-Awtiżmu**

**Helpline 153** fil-konfront tal-persuni b'diżabilità

Liġi li temenda l-Att dwar **Opportunitajiet Indaqs u l-Liġi dwar il-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità**

Tnediet l-iskema **New Hope** li tgħin lil persuni bi kwistjonijiet mediċi, b'diżabilità jew inkella li kellhom mard fil-passat ikunu jistgħu jsiru sidien ta' darhom

**Residenza ġdida** fiż-Żurrieq għal persuni b'diżabilità, bdejna oħrajn fil-Qrendi u f'Ħal Kirkop

**€15-il miljun** fi ftehimiet soċjali ma' NGOs

Sar **reat** li tagħmel **hate speech** fuq diżabbli u anzjani

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI
U L-KWALITÀ TAL-ĦAJJA



## Żgħażagħ

Imnedija l-**Politika Nazzjonali taż-Żgħażagħ**

**Vot 16**: Programm ta' edukazzjoni ċivika għaż-żgħażagħ fl-iskejjel sekondarji u

Jingħata bidu għall-programm **Model European Parliament**, fejn żgħażagħ ta' bejn is-16 u d-19-il sena jipparteċipaw f'simulazzjoni tal-Parlament Ewropew u jifformulaw sett ta' riżoluzzjonijiet

Imnedija **programmi edukattivi** li jsaħħu ċ-ċittadinanza attiva fosthom il-Young Parliamentarians Ejjew Niddibattu, Ideazzjonisti, Youthwork Out u School Democracy Awards

Ristrutturar tal-Programm **Youth.inc** li jgħin żgħażagħ ta' beejn 16 u 20 sena biex itejbu l-edukazzjoni tagħhom filwaqt li jippreparahom għad-dinja tax-xogħol

Infetħu **4 setturi reġjonali** biex Aġenzija Żgħażagħ tkun aktar viċin iż-żgħażagħ fil-komunità

Beda l-programm **Kick Start** fejn regolarment issir ħidma maż-żgħażagħ li qegħdin fil-Faċilità Korrettiva tal-Imtaħleb sabiex jiksbu ħiliet għal ħajja indipendenti.

Organizzat il-Malta Youth Film Festival

Imkabbar is-servizz ta' **detached youth work** fit-toroq tal-Kottonera, iż-Żejtun, l-Imsida, il-Ħamrun, il-Belt u Birżebbuġa

**5 MOUs mal-għaqdiet taż-żgħażagħ** sabiex jissaħħu s-servizzi taż-żgħażagħ fil-komunità

## Volontarjat

**Salvajna 5,500 impjieg fil-volontarjat** - nedjena skema li tassisti l-operat tal-organizzazzjonjiet volontarji b'investiment ta' €6 miljun

Imniedi fond ta' emerġenza għal organizzazzjonijet volontarji b'investiment ta' **€300,000**

Ftuħ ta' **ċentru tal-volontarjat ġdid f'Għawdex**

**Skema ta' fondi** biex jingħata appoġġ lil aktar minn 150 organizzazzjoni volontarja, permezz tas-Small Initiatives Support Scheme u l-Voluntary Organisations Projects Scheme

Immaniġġjar fond għas-soċjetà ċivili b'investiment ta' **€125,000**

**Skema ta' fondi** għal organizzazzjonijiet volontarji li jaħdmu maż-żgħażagħ

**Fond ta' ko-finanzjament għal għaqdiet non-governattivi** biex jingħata appoġġ lil organizzazzjonijiet volontarji fl-obbligi ta' ko-finanzjament.

Imniedi fond ta' emerġenza għal organizzazjonijiet volontarji b'investiment ta' **€300,000**

Emendi għall-Att dwar Ġabriet Pubbliċi u r-Regolamenti taċ-Charity Shops

ugwaljanza

# PAJJIŻ B'SOĊJETA' IKTAR UGWALI U IKTAR INNOVATTIVA



## GĦAX KULL PERSUNA JIXIRQILHA D-DINJITA'

- Nedejna għall-ewwel darba f'pajjiżna strateġija kontra r-razziżmu biex naraw li f'pajjiżna ħadd ma jiġi diskriminat fuq bażi ta' razza, etniċita' jew twemmin.
- Komplejna nsaħħu l-ugwaljanza bejn is-sessi u nipproteġu lill-vulnerabbli permezz ta' diversi kampanji edukattivi.
- Varajna diversi kampanji ta' għarfien u miżuri li jkomplu jtejbu l-kwalita' tal-ħajja tal-komunita' LGBTIQ.



facebook.com/**UGWALJANZAgovmt**



## GĦAX PAJJIŻNA JRID IKOMPLI JIRNEXXI

•Saħħaħna r-rabta bejn ir-riċerka u l-industrija, u ħloqna skemi ġodda li jkomplu jsostnu r-riċerka f'pajjiżna.

•Nedejna Strateġija ta' speċjalizzazzjoni għar-riċerka u l-innovazzjoni.

•Żidna l-opportunitajiet fl-oqsma STEM biex inkomplu nħajru l-ġenerazzjoni żagħżugħa tersaq lejn l-oqsma tax-Xjenza, t-Teknoloġija, l-Inġinerija u l-Matematika.

•Komplejna nqarrbu l-oqsma STEM lejn il-komunitajiet tagħna permezz ta' diversi skemi, sabiex kulħadd jifhem l-importanza tar-riċerka u l-innovazzjoni f'pajjiżna.



## GĦAX IRRIDU NIBNU FLIMKIEN PROSPERITA' ĠDIDA

•Fassalna strateġija għal wara l-pandemija, sabiex inkomplu nibnu fuq dak li ksibna s'issa għal pajjiż aħjar minn qatt qabel.

•Ħloqna 114-il inizzjattiva mifruxa fuq tnax-il qasam tematiku li se jsaħħu l-ekonomija ta' pajjiżna u jtejbu l-benesseri tas-soċjeta' tagħna.

•Inħatar ukoll Kumitat ta' tmexxija inkarigat mill-implimentazzjoni tal-istrateġija għal wara l-pandemija.






## GĦAX IRRIDU NIEQFU NIKRIMINALIZZAW IN-NIES WAQT LI NĦARSU S-SOĊJETA' KOLLHA

•Wara proċess ta' konsultazzjoni b'saħħtu, wettaqna riforma kuraġġuża ta' harm reduction dwar l-użu personali tal-kannabis, waqt li saħħaħna l-investiment fil-prevenzjoni mill-vizzji.

•Qed nipprovdu rotta regolarizzata u safe biex wieħed jakkwista l-cannabis għal użu personali u b'hekk tajna l-ikbar daqqa lill-kriminalita' u l-black market.

•Ħtarna awtorita' ġdida li se tara li r-riforma tkun implimentata bl-aħjar mod waqt li nħarsu lit-tfal u lill-vulnerabbli.

SEGWI L-ĦIDMA TAL-MINISTERU BILLI TISKENNJA L-KODIĊI QR



# **Sentejn ta' Robert Abela,** Sentejn ta' Ħidma bla Preċedent fil-Qasam tal-Ġustizzja

Sentejn ilu Robert Abela ġie fdat b'kariga tant importanti għal pajjiżna dik ta' Prim Ministru u Mexxej tal-Partit Laburista. F'sentejn rebaħ sfidi kbar u ġab riżultati pożittivi għal pajjiżna. Taħt it-tmexxija tal-Prim Ministru, il-Ministeru għall-Ġustizzja u Governanza ressaq numru rekord t'Abbozzi fil-Parlament ta' Malta, wettaq riformi kbar u investiment bla preċedent.

Minn dan il-Ministeru ġew preżentati aktar minn 55 Abbozz ta' Liġi fil-Parlament ta' Malta, dwar il-Ġustizzja u s-Saltna tad-dritt. Dan hu rekord ta' liġijiet li ressaq il-Ministru tal-Ġustizzja f'perjodu ta' 23 il-xahar f'kull żmien mill-Indipendenza 'l hawn. Permezz ta' dawn l-abbozzi, ir-reputazzjoni ta' Malta kompliet tisaħħaħ barra minn xtutna u l-Aġenziji ta' kreditu Barranin komplew jagħtu l-aqwa ratings lil Pajjiżna. Wieħed ma jistax ma jsemmix illi dan kollu sar waqt li d-dinja kienet qed taffaċċja Pandemija li bidlet il-funzjonijiet regolari tas-soċjetà li ngħixu fiha.

## Kummissjoni Venezja

F'Lulju 2020, il-Kamra tad-Deputati approvat unanimament sensiela ta' titjib sostanzjali fis-sistema kostituzzjonali u istitużżjonali Maltija. Fost oħrajn ir-riformi kienu jinkludu, bidliet fil-proċedura għall-ħatriet u d-dixxiplina ġudizzjarji, flimkien ma' bidliet fil-metodu tal-ħatra tal-President ta' Malta.

Dawn ir-riformi Kostituzzjonali nbnew biex itejbu s-separazzjoni tas-setgħat u l-kontrolli u l-bilanċi fil-qafas kostituzzjonali Malti. Huma jpinġu wkoll l-isforz kontinwu ta' dan il-Gvern biex isaħħaħ sistema li tapprova l-indipendenza ġudizzjarja u l-infurzar tal-liġi taħt is-saltna tad-dritt. Dawn ir-riformi kkumplimentaw il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni Venezja mill-Opinjoni ta' Diċembru 2018. 10 minn dawn l-Abbozzi wasslu biex Pajjiżna għadda mit-test tal-Kummissjoni Venezja. Uħud minn dawn l-Abbozzi huma dawn li ġejjien;

- Il-Prim Ministru m'għadux jaħtar uħud mill-għola pożizzjonijiet f'Pajjiżna bħal ħatra tal-President ta' Malta u tal-Prim Imħallef. Issa dawn qed jinħatru biż-żewġ terzi tal-Membri tal-Kamra;
- Dan il-proċess ġa ntuża u għall-ewwel darba fl-istorja ta' Pajjiżna nħatar l-ewwel Prim Mħallef b'vot unanimu – L-Onorevoli Imħallef Dr M. Chetcuti.
- Qasma fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, li stabilixxa l-irwol tal-Avukat tal-Istat, dan qed jisarraf f'aktar trasparenza u kontabilità u aktar doveri prosekutorjali f'isem l-Avukat Ġenerali.
- Tisħieħ fl-irwol tal-Awditur Ġenerali u il-Kummissjoni tal-Istandards fil-ħajja Pubblika sabiex jiġi aċċertat illi l-Politiku qatt ma jkun 'l fuq mis-Saltna tad-Dritt u l-Liġi.
- Pajjiżna ħatar aktar Imħallfin u Maġistrati, permezz ta' dan l-Abbozz issaħħet l-Ġudikatura u issa l-Qorti tagħna għandu l-akbar bank ta' Ġudikanti fl-istorja ta' Pajjiżna. Dan kollu sar permezz ta' proċess trasparenti u bla preċedent.
- Inbidlet ukoll il-proċedura ta' dixxiplina u saret it-tneħħija tal-membri tal-Ġudikatura għal waħda li tibgħat messaġġ ċar li kulħadd hu kontabbli f' pajjiżna.

## Divorzju

Abbozz miktub sabiex jgħati ċans lill-persuni li għaddew minn esperjenza li tista' tkun trawmatika biex ikomplu ħajjithom u jsibu l-kuntentizza, permezz ta' possibiltà li jidħlu f'relazzjoni oħra u possibbilment fi żwieġ – mingħajr il-bżonn li jistennew erba' snin.

## Uffiċċju tal-Irkupru tal-Assi

Permezz tal-liġi 160, l-Att tar-Rikavar mill-Kriminalità, qed jiġu mogħtija l-għodda meħtieġa kontra l-koruzzjoni, ħasil tal-flus u l-iffinanzjar tat-terroriżmu. Din l-liġi qed isaħħaħ ukoll l-uffiċċju tal-Irkupru tal-Assi permezz ta' proġett b'valur ta' 2.5 miljuni li jinkorpora aktar riżorsi umani u finanzjarji biex verament jiġu megħluba l-ħasil tal-flus u l-Kriminalità Organizzata fi xtutna.

## Ugwaljanza bejn is-sessi

Permezz tal-liġi 'Lejn Rappreżentanza Ugwali', mill-Elezzjoni li jmiss komplejna insaħħu ir-rappreżentanza tas-sess lanqas rappreżentat fl-ogħla Istituzzjoni ta' Malta - Il-Parlament.

## Proċedura tal-proċess t'Appell

Dan il-proċess ġie rivedut permezz ta' proċedura tal-Qorti tal-Appell ġdida u qed jaċċerta li l-Ġustizzja tkun aktar spedita u effiċjenti fejn iċ-ċittadin ma jdumx sabiex jinstemgħa u jiġi deċiż l-appell tiegħu.

## Vuċi lit-tfal u l-Minuri

Il-Ministeru indirizza ukoll in-nuqqasijiet fil-leġiżlazzjoni tagħna biex inkomplu nsaħħu l-protezzjoni tal-minuri u niżguraw li dawk li jispiċċaw vittmi t' abbuż minkejja l-isforzi tagħna jirċievu l-appoġġ u l-għajnuna kollha li jeħtieġu. B'riżultat ta' dan, bnejna l-Att LXIV tal-2021 biex nagħmlu aktar progress u nirreaġixxu għal realtajiet ġodda fis-soċjetà tagħna.

It-tfal u l-minuri ngħataw aktar vuċi, dan permezz taż-żieda fin-numru tal-Avukati tat-tfal.

Barra minn hekk permezz ta' liġi oħra issa individwi li sfaw vittma ta' reati sesswali meta kienu għadhom minuri, ser ikunu jistgħu jirraportaw ir-reat sa 20 sena wara li jkun sar.

## Ħarsien tal-Annimali

Liġi oħra li permezz tagħha qed jiġu mħarsa mhux biss ċ-ċittadini Maltin u Għawdxin iżda saħansitra d-dinjità ta' dawk li m'għandhomx vuċi bħal ma huma l-annimal li qed jingħatalu protezzjoni li qatt ma kellhom qabel.

## Investiment t' 20 miljun

Il-Ministeru għall-Ġustizzja fis-sena 2020 u 2021 investa 'l fuq minn 20 miljun fis-Saltna tad-Dritt u l-Ġustizzja, liema investiment saħħaħ l-uffiċċju tal-Kummissarju tal-Liġijiet, Id-dipartiment tal-Ġustizzja , L-Aġenzija tal-Għajnuna Legali u l-Aġenzija tas-servizzi tal-Qorti, fost oħrajn.

## Ħidma mal-Aġenzija għas-servizzi tal-Qorti (CSA)

### Ħatra ta' Kap u Assistent Kap ġdid

Permezz tal-ħatra ta' dawn iż-żewġ nisa kompetenti, l-Amministrazzjoni ta' din l-Aġenzija kompliet tisaħħaħ b'enerġija ġdida.

### Proċess ta' Diġitilazzjoni bla preċedent

Fi żmien rekord ġew attrezzati 27 Awla f'Malta u 3 f'Għawdex b'teknolġija diġitali dan qed jagħti lok lix-xhieda u l-partijiet jidru onlajn mingħajr l-bżonn li wieħed ikun preżenti fiżikament l-Qorti. Dan kollu qed iwassal għal aktar effiċjenza, effettività u aċċessibiltà fil-Qrati.

### Aċċess għall-Ġustizzja mill-kumdità tad-dar

Iċ-ċittadin issa jista' juża' is-sistemà ta' 'e-filing' biex jaċċessa l-maġġoranza tal-atti ġudizzjarji 'online'.

### Investiment ta' 5 Miljun ewro f'bini ieħor tal-Qorti;

Aktar Ġudikanti jfisser ukoll aktar riżorsi umani u aktar uffiċini u għodda sabiex dawn ikunu jistgħu jaħdmu f'binjiet mgħammrin bl-aħħar kumditajiet. Għalhekk ġie mħabbar proġett t' investiment f'binja oħra biswit il-Qorti. Liema binja ser tkompli żżid l-għodda ma' dawk eżistenti biex iċ-ċittadin ikun jista' ikollu aċċesibiltà għal sistemà tal-Ġustizzja, indipendenti, imparzjali, effiċjenti u effettiva. Speċifikament il-Qorti ser titkabbar b'25 uffiċċju u 4 awli oħra. Dan ser joħloq ukoll aktar impjiegi f'dan il-qasam.

## Ħidma mal- Aġenzija tal-Għajnuna Legali

Din l-Aġenzija ġiet imsaħħa, b'aktar professjonisti Legali u b'binja ġdida biex dak iċ-ċittadin li ma jistax iħallas ikun jista jirrikorri għal Ġustizzja xierqa u ta' kwalità. Ġie mtejjeb u mħaffef ukoll l-proċess ta' kif wieħed japplika għal servizz speċifiku u spedit t'Avukati t'esperjenza li jagħtu servizz legali pront meta jkun hemm każijiet ta' vjolenza domestika. Dan l-investiment kien suċċess, fil-fatt qed jiġu mgħejjuna medja ta' persuna kuljum. Ġie ffirmat ukoll ftehim bejn il-Korp tal-Pulizija u l-Aġenzija tal-Għajnuna Legali biex jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet ta' persuni li qegħdin jiġu interrogati, arrestati jew miġjuba quddiem il-Qorti.

Din il-ġimgħa tħabbret l-ewwel riforma fil-qasam tal-ġustizzja għal din is-sena, ser ikun hemm reviżjoni sabiex aktar persuni bi dħul baxx ikunu eliġibbli għas-servizz tal-għajnuna legali bla ħlas. Issa biex persuna tkun eliġibbli għal servizz ta' Avukat b'xejn trid tkun taqla' inqas minn €13,000 fis-sena fejn qabel kienet €7,000.

## Konkluzjoni

Dawn l-aħħar sentejn kienu ta' sfida kbira, taqbida u uġiegħ iżda kienu wkoll sentejn mmarkati bit-tama u l-progress. F'nofs l-agħar kriżi tas-saħħa pubblika ta' ħajjitna, Malta ngħaqdet fi spirtu, ta' responsabbiltà u komunità. Il-ħidma tal-Gvern tuwl dawn is-sentjen, taħt it-tmun tal-Prim Ministru Robert Abela kienet waħda kontinwà, b'saħħitha u bla preċedent. Inħarsu 'il quddiem sabiex taħt it-tmexxija tal-Prim Ministru Robert Abela nkomplu nwettqu aktar ġid għall-Maltin u Għawdxin kollha.

# INKOMPLU NTEJBU L-KWALITÀ TA' KURA FIS-SETTUR TAL-ANZJANI







## Narċis

Narċis, binja f'San Vinċenz de Paul li b'investiment ta' **€2 miljun** ġiet rinovata f'binja modernizzata b'16-il sodda.

Binja bl-ambjent ta' dar li tipprovdi sistema ta' kura fit-tul għal adulti dipendenti ħafna li jispiċċaw limitati u ristretti (bejn it-18 u d-59 sena) b'kumplessitajiet mediċi li bħalissa qed jgħixu f'ambjent ta' kura inadegwat, u li għandhom bżonn appoġġ biex jiġu integrati mill-ġdid fil-komunità.

## Ružar Briffa

B'investiment ta' aktar minn **€6 miljun** fuq l-ewwel fażi u aktar minn **€9 miljuni** fuq it-tieni fażi, il-kumpless Rużar Briffa f'San Vinċenz de Paul tlesta din is-sena.

Hawn sar xogħol fl-istrutturi eżistenti, estensjonijiet, restawr tal-faċċati u xogħlijiet ċivili oħrajn, biex ġie rispettat il-valur storiku tal-bini.

Illum, din il-binja ngħatat ħajja mill-ġdid permezz ta' teknoloġija mill-aqwa u servizzi li se jkunu qed jaqdu kemm lir-residenti f'San Vinċenz u anke dawk li jgħixu fil-komunita'. Barra minn hekk, il-professjonisti se jkollhom ċentru minn fejn se jagħmlu r-riċerka tagħhom.

## Ċentru ta' kura ġerjatrika

B'investiment ta' **€9 miljun**, infetaħ ċentru ta' kura ġerjatrika għall-anzjani u servizz ta' out-patients clinic għall-anzjani fid-diversi speċjalizzazzjonijiet bil-ħsieb li jingħata servizz lill-anzjani f'San Vinċenz de Paul, id-djar għall-anzjani u eventwalment l-anzjani fil-komunita'.

Jinkludi **13-il klinika** li huma magħqudin mad-Digital Imaging Unit.





# F'San Vinċenz de Paul



## Pixxina terapewtika

Għall-ewwel darba f'San Vinċenz de Paul, l-ewwel **pixxina terapewtika state-of-the-art** fil-blokok il-ġodda – servizz ġdid għall-anzjani li flimkien ma' gymnasium li se jkun qed jikkumplimenta n-numru ta' servizzi offruti lill-anzjani f'din ir-residenza.

B'investiment ta' madwar **€350,000** dan il-proġett jinkludi tliet pixxini li fihom aktar minn 120 metru kubu ta' ilma u se jintużaw għal terapija fl-ilma, fiżjoterapija u terapija okkupazzjonali.

## X-Ray department

B'investiment ta' aktar minn **€1.5 miljun**, f'Settembru, ġie inawgurat l-ewwel **dipartiment diġitali tal-X-Ray (Digital Imaging Unit)**, mgħammar b'faċilitajiet mill-aktar moderni li se jkunu disponibbli mhux biss għar-residenti, iżda wkoll għal anzjani oħrajn.

## CT Scanner

Ġie ppubblikat it-tender għax-xiri u l-installazzjoni ta' CT scanner - investiment li jammonta għal **€1.5 miljun mill-NDSF**.

Minn dan l-investiment, potenzjalment se **jibbenefikaw 94,000 ċittadin Malti u Għawdxi** li għandhom 'il fuq minn 65 sena – 21% tal-popolazzjoni kollha Maltija u Għawdxija.



## Silver-T

Matul din is-sena kompla jiġi estiż is-servizz tas-Silver-T f'aktar lokalitajiet – **servizz ta' trasport b'xejn għall-anzjani li jkunu jridu jagħmlu l-qadjiet essenzjali tagħhom fil-lokalità fejn jgħixu**.






## Tinfetaħ l-ewwel klinika multi-dixxiplinarja

Aktar minn **400 anzjan** qed igawdu mis-servizzi li qed toffri l-ewwel klinika multi-dixxiplinarja f'Malta fl-Imtarfa, f'ambjent sigur u privat.

Id-Dipartment tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità se jkun qed jifrex ukoll dan is-servizz billi jiftaħ **kliniċi multi-dixxiplinarji oħra f'kull dar tal-anzjani tal-gvern**.

Fost il-professjonisti fis-settur tas-saħħa f'dawn il-kliniċi se jkun hemm fiżjoterapisti, occupational therapists, speech language pathologists, podoloġisti, psikoterapisti, tobba u ġerjatriċi.

## Day/night shelter fl-Imtarfa u Ħal Safi

Investiment ta' kwazi **€150,000**.

**Żewġ binjiet li huma l-ewwel tax-xorta tagħhom f'Malta u fl-Ewropa** għax joffru servizz ta' respite mingħajr ħlas kemm matul il-ġurnata kif ukoll matul il-lejl għal persuni li jbatu bid-Dimensja.



## Telecare on the move

**Din is-sena beda jitħaddem proġett pilota għall-persuni bid-Dimensja.**

Apparat b'xejn li jaqbad ma' **call centre 24 siegħa kuljum** li jopera meta persuna tkun barra mid-dar ukoll. Dan l-apparat jipprovdi assistenza lill-anzjani bid-Dimensja permezz ta' diversi funzjonijiet.

Barra minn hekk ukoll din is-sena bdew jitħaddmu diversi servizzi ġodda li jistgħu jingħataw fi djar privati jew djar tal-anzjani u li qabel kienu jingħataw biss fl-Isptar Mater Dei - multi-disciplinary clinics, psychological support services, continence clinics, eċċ.




## Il-gvern jalloka €3.5 miljun għall-iskema Carer at Home

**€3.5 miljun** għall-iskema **Carer at Home** - għajnuna finanzjarja lill-anzjani li jimpjegaw carers kwalifikati tal-għażla tagħhom biex jgħinuhom fil-bżonnijiet tagħhom fid-dar privata.

Dan mingħajr ma jitilfu d-dritt li jibbenefikaw minn servizzi addizzjonali offruti mid-Dipartiment tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità.

Skema li permezz tagħha l-anzjan jibqa' jgħix fil-kumdità tad-dar tiegħu.

## Servizz ta' psikoterapija għall-anzjani

Is-servizz ta' psikoterapija, li kien offrut lill-anzjani li jgħixu fid-djar residenzjali, estiż għall-anzjani fil-komunità u l-'informal carers' tagħhom **bil-ftuħ ta' tliet kliniċi ġodda fil-lokalitajiet taż-Żurrieq, Birkirkara u l-Imtarfa**.

Bil-ftuħ ta' dawn il-kliniċi, anzjani li għadhom jgħixu fil-komunità, qegħdin jattendu sessjonijiet ta' psikoterapija, grazzi għal dan is-servizz offrut b'xejn mid-Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità.

## Infrastruttura

**Se jinbnew mill-ġdid id-djar tal-anzjani tal-Imsida u l-Mosta kif ukoll se tinbena dar ġdida f'B'Kara.** Sadanittant **se jiġu modernizzati d-djar ta' Bormla, Żejtun u Zammit Clapp Hospital**.

# Ħidmiet is-Segretarju Parlamentari għall-Kostruzzjoni **Chris Agius** matul dawn is-sentejn taħt it-tmexxija tal-Prim Ministru **Robert Abela**



Tfasslet l-istrateġija tal-Awtorità għall-Bini u l-Kostruzzjoni kif ukoll il-pjan t'azzjoni li jikkumplimenta l-istess strateġija li jħares lejn it trasformazzjoni tal-industrija fiż-żmien li ġej.




Daħħalna liġi li tirregola lil dawk kollha li jaħdmu fil-qasam tar-Real Estate.

L-Awtorità għall-Bini u l-Kostruzzjoni nediet proċess ta' reġistrazzjoni bi tħejjija għal-liċenzjar tal-kuntratturi.

L-Awtorità għall-Bini u l-Kostruzzjoni implimentat sistema ġdida għall-għoti tal-liċenzji tal-bennejja. Reġistru ta' liċenzji validi kollha tal-bennejja huwa disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità.

Tnieda freephone ġdid (80049000), biex il-pubbliku jkun jista' jirraporta irregolaritajiet fix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni ħalli jiġi indirizzat it-tħassib tal-pubbliku u jiżgura li kulħadd iħossu sigur f'daru.

Twaqqfet l-Awtorità għall-Bini u l-Kostruzzjoni sabiex l-industrija tkun regolata aħjar.

L-Awtorità għall-Bini u l-Kostruzzjoni biddlet il-ħinijiet għal xogħlijiet ta' twaqqiegħ u ta' skavar bil-għan li ma jsirx iżjed xogħol ta' dan it-tip wara l-erbgħa ta' waranofsinhar u hekk jitnaqqas l-inkonvenjent u l-istorbju fil-ħinijiet ta' filgħaxija, ħin ta' mistrieħ wara ġurnata xogħol.

Saru diversi korsijiet mill-BICC akkreditati mill-MFHEA fil-qasam tal-bini. Fosthom it-taħriġ tas-saħħa u sigurta lill-professjonisti, taħriġ rigward restawr tal-ħitan tas-sejjieħ, kif ukoll preparamenti għal taħriġ sabiex il-ħaddiema kollha taċ-ċivil jingħataw skill card fuq taħriġ li għandu x'jaqsam mas-settur tal-bini bi speċjalizzazjoni fir-rinovar tal-bini.







Imnedija skema ta' ko-finanzjament minn Property Malta li qed tgħin intrapriżi Maltin li jiddeċiedu li jipparteċipaw ġo fieri internazzjonali speċjalizzati bil-għan li jattiraw iktar investiment lejn Malta.

Elenkati standards nazzjonali tal-ħiliet, fuq 39 sengħa differenti tal-kostruzzjoni, magħrufa aktar bħala national occupational standards fosthom Road Construction, Marine Civil Engineering, Rubble Walls, Masonry u Structural Steel Works.

Ġew finalizzati wkoll kodiċi tal-bini fir-rigward waqqiegħ, skavar, saħħa u sigurtà. Filwaqt li beda x-xogħol fuq kodiċi oħrajn fosthom fuq sostenibilità.




Qed isir ukoll xogħol relatat sabiex jiskatta l-avviż legali li jistabilixxi l-livell rekwiżit tal-ħiliet għan-nies li jaħdmu fil-kostruzzjoni

# Inkomplu nibnu settur **KULTURALI** aktar reżiljenti u sostenibbli

### Mużika Mużika
Ritorn grandjuż għall-Festival Kanzunetta Maltija Mużika Mużika li huwa ntiż li jkompli jixpruna t-talent Malti u l-kanzunetta Maltija.

### Lingwa
Titkompla l-ħidma sabiex ikollna Ċekkjatur tal-ortografija u tal-grammatika tal-Malti.

### Ninvestu f'ARTna
Investiment totali ta' €5.62 miljuni, ġew maħruġa 14-il skema li jappoġġjaw l-irkupru tas-setturi kulturali u kreattivi ta' pajjiżna.

### Inħarsu l-Wirt Kulturali
Sabiex nissalvagwardjaw il-wirt kulturali tagħna, beda l-proċess għan-negozjati ma' sidien ta' propjetajiet privati biex il-Gvern jakkwista binjiet li bħalissa huma okkupati mill-każini tal-baned.




Kultura MALTA

### Valletta Design Cluster
Il-Biċċerija l-Antika fil-Belt Valletta ngħatat ħajja ġdida hekk kif ġie inawgurat il-Valletta Design Cluster, b'investiment ta' €10.4 miljun.

### Gvern Lokali
Inħarġu numru ta' skemi għall-Kunsilli Lokali b'investiment ta' madwar €3 miljuni.








### Siti Storiċi
Ġie inawgurat is-sit ta' Heritage Malta magħruf bħala Underground Valletta.

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI

# Ħidma Riċenti







Kultura MALTA










## Politika Nazzjonali

Ġiet imnedija l-Politika Nazzjonali għall-Kultura 2021 li tistabbilixxi viżjoni ambizzjuża biex tħaddan il-kultura għall-benesseri ta' kulħadd.

## Konservazzjoni

Titwaqqaf il-Fondazzjoni tal-Knisja tal-Ġizwiti. Permezz tal-fondazzjoni, il-Gvern se jkun qed jikkommetti, flimkien mal-Arċidjoċesi, ħidma sabiex tiġi ssalvagwardjata l-knisja u l-artifatti interni.

## Il-Lokalità Kulturali 2022

Wettaqna l-wegħda elettorali li jkun hemm programm kulturali kull sena, minn lokalità li tkun iddikjarata l-Lokalità Kulturali tas-Sena u b'hekk inkomplu nsaħħu l-wirt kulturali ta' pajjiżna. Għal dan il-għan, il-Marsa ntagħżlet bħala l-Lokalità Kulturali 2022.

## Il-Festa Maltija

Komplejna nappoġġjaw bi sħiħ is-soċjetajiet relatati mal-Festa Maltija.

## Karnival

Inħareġ tender għal trailers u trakkijiet li ser jitpoġġew għal dispożizzjoni tad-dilettanti u l-artisti tal-karnival tul l-erba' snin li ġejjin.

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI

Kultura MALTA

# Il-Malta li rridu

Il-Malta li rridu hija l-Malta li qed naħdmu għaliha permezz tal-miżuri, inċentivi u skemi li qed nvaraw b'kontinwu għall-benefiċċju tal-familji u l-intrapriżi. Ħidma li twassal għall-futur aktar sostenibbli, intrapriżi aktar reżiljenti u soċjeta aktar ġusta.

sostenibiltà

## L-Enerġija

- Fost kriżi internazzjonali fil-qasam tal-enerġija, il-prezzijiet f'Malta **jibqgħu fost l-orħos fl-Ewropa**
- **19,500 familja** jgawdu mill-estensjoni tal-Feed In Tariff
- Allokati **€38 miljun** f'sena waħda biss f'għajnuna u skemi biex inżidu l-użu ta' enerġija effiċjenti f'pajjiżna
- Allokazzjoni ta' **€76 miljun** fuq medda ta' 20 sena għall-proġetti ta' enerġija rinnovabbli
- Aċċess għal **362 charging point** u mobile app biex sidien ta' vetturi elettriċi jiċċarġjaw il-vetturi tagħhom b'tariffi vantaġġużi u fost l-orħos fl-Ewropa



## L-Intrapriża

- Permezz tal-Wage Supplement, ġew investiti **€653 miljun f'għajnuna lil 17,000 negozju u aktar minn 105,000 ħaddiem**
- Fl-eqqel tal-pandemija, l-assistenza kompliet permezz tal-iskemi tat-teleworking, għajnuna fuq il-kirjiet, għajnuna fuq il-kontijiet tad-dawl u għajnuna fil-leave tal-kwarantina, **b'total ta' €30 miljun**
- Matul l-2021, ġew approvati 76 proġett ġdid b'investiment ta' **€61 miljun** li joħolqu karriera ġdida
- Permezz tal-Malta Enterprise, ġew approvati **24 proġett ta' Startups** b'investiment ta' €12-il miljun. Dawn mistennija joħolqu **430 impjieg ġdid**
- Varati l-iskemi Change to Grow, Restart u Smart and Sustainable biex in-negozji jinvestu f'operat aktar sostenibbli, diġitali u innovattiv



## L-Iżvilupp Sostenibbli

- Aktar minn **60 organizzazzjoni sportiva** jibbenefikaw minn għajnuna għal operat sostenibbli
- **L-għeluq tal-impjant tal-31 ta' Marzu f'Birżebbuġa** b'investiment ta' €70 miljun
- Jitqassmu aktar minn 4,000 pencil case u ktieb dwar l-Iżvilupp Sostenibbli lill-istudenti madwar Malta u Għawdex
- Sustainable Baby Box għat-trabi bi prodotti sostenibbli



## L-Ilma

- Tibda topera **l-ewwel Reverse Osmosis f'Għawdex**
- Installatti **150 water dispensers** f'postijiet pubbliċi bħall-isptar Mater Dei u entitajiet pubbliċi
- Jitqiegħdu **50km ta' mains tal-ilma** biex tiżdied l-effiċjenza fid-distribuzzjoni
- Il-proġett tan-**New Water** jilħaq aktar bdiewa b'permezz ta' 400 dispenser
- B'investiment ta' **€30 miljun**, mina ta' 9.5km tgħaqqad l-impjant tar-Reverse Osmosis ta' Pembroke u l-ġibjuni f'Ta' Qali




## Spazji miftuħa

- Ir-riġenerazzjoni u riabilitazzjoni f'Wied il-Qlejgħa b'investiment ta' **€5 miljun.**
- Bdew diversi xogħolijiet fil-parks fosthom il-Park tal-Familja f'Marsaskala, il-Park ta' San Klement f'Ħaż-Żabbar, il-Park tal-Inwadar, il-Petting Farm u l-Picnic Area f'Ta'Qali u l-Park tal-Familja f'Bengħajsa
- Jingħata bidu għall-ewwel ġnien Carbon Neutral b'investiment ta' **€1,000,000** fi Ġnien ir-Rnella
- Jitħawwlu 'l fuq minn **1,100 siġra** f'diversi żoni f'Malta grazzi għal Parks Malta
- Jinġabru mas-**750 tunnellata ta' skart** f'kampanja ta' tindif

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA,
L-INTRAPRIŻA U L-IŻVILUPP SOSTENIBBLI

DOKUMENT B

Kummissarju għall-Istandards
fil-Ħajja Pubblika

6 ta' Awwissu 2021

Lill-Onor Mr Speaker
U l-membri kollha tal-Kamra tad-Deputati

Bl-email

Onorevoli,

**Linji gwida dwar riklami u materjal promozzjonali tal-gvern**

Flimkien ma' din l-ittra qiegħed nibgħatlek dokument li jiena ħriġt din il-ġimgħa, u li jikkonsisti f'linji gwida dwar l-użu ta' riklami u materjal promozzjonali mill-gvern u entitajiet pubbliċi. Il-linji gwida huma maħsuba biex jiżguraw li l-infieq ta' fondi pubbliċi fuq riklami u materjal promozzjonali jservi skop leġittimu fl-interess pubbliku, u ma jintefqux fondi pubbliċi fuq pubbliċità personali jew politika.

Dawn il-linji gwida ma jirrappreżentawx regoli ġodda fihom infushom. Huma jindikaw kif jiena bi ħsiebni ninterpreta r-regoli eżistenti fil-kodiċi ta' etika tal-ministri u l-kodiċi li japplika għall-persuni ta' fiduċja jekk ikolli każ li jinvolvi riklami jew materjal promozzjonali imħallsa minn fondi pubbliċi.

Il-linji gwida jkopru mhux biss riklami iżda anki, fost affarijiet oħra, artikli li jiġu ppubblikati bi ħlas (advertorials), fuljetti, kartolini, oġġetti li jitqassmu bħala rigali, u materjal awdjoviżiv li jixxandar fuq it-televiżjoni jew il-midja soċjali – dejjem jekk dawn jiġu mħallsa minn fondi pubbliċi. Fost affarijiet oħra, il-linji gwida jgħidu li:

- riklami jew materjal promozzjonali tal-gvern jew ta' entità pubblika għandu jkun fattwalment korrett f'dak li jgħid u m'għandux jinkludi kontenut ta' natura partiġġjana;
- riklam tal-gvern jew ta' entità pubblika m'għandux jinkludi isem jew ritratt ta' ministru; dan jgħodd anki għal advertorial;
- fuljett jew dokument ieħor (basta mhux riklam jew advertorial) maħruġ mill-gvern jew entità pubblika jista' jinkludi kontenut li jirreferi għal ministru, sakemm jiġu osservati ċerti kundizzjonijiet.
- ministru għandu jiddderieġi fondi pubbliċi lejn il-midja għall-finijiet ta' riklamar skont kriterji oġġettivi u ġusti.

Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, 11, Triq San Pawl, il-Belt Valletta VLT 1210, Malta
(+356) 27 269 593 office@standardscommissioner.com www.standardscommissioner.com

Il-bżonn ta' linji gwida dwar dan is-suġġett ġie identifikat mill-Kumitat Permanenti tal-Parlament dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika, huwa u jiddiskuti rapport li jiena għaddejtlu f'April li għadda dwar każ li kien jinvolvi riklam imħallas minn ministeru. Id-dokument anness jindirizza l-bżonn identifikat mill-Kumitat.

Il-linji gwida jikkonċernaw lill-ministri, segretarji parlamentari u persuni ta' fiduċja fl-uffiċċji tagħhom, iżda qiegħed inqassamhom lil kull deputat għal ex hija l-Kamra tad-Deputati li għandha żżomm lill-gvern kontabbli għal għemilu u għall-infieq ta' fondi pubbliċi. Nitlob li kull ministru u segretarju parlamentari li jirċievi l-linji gwida jqassamhom internament fil-ministeru tiegħu skont kif jidhirlu neċessarju sabiex kull uffiċjal inkarigat bl-ikkummissjonar jew il-produzzjoni ta' riklami u materjal promozzjonali jkun familjari mal-linji gwida.

Inselli għalik,

Dr George Marius Hyzler
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

repubblika

5 ta' Frar 2022

Il-Kummissarju dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika
Triq San Pawl
Il-Belt Valletta

Sur Kummissarju:

DWAR: INFIEQ PUBBLIKU GĦALL-PUBBLIĊITÀ GĦALL-GVERN FIL-MEZZI TAL-PARTIT LABURISTA

Qed nibgħatlek kopja ta' ittra li bgħatt dal-għodu lill-Awditur Ġenerali. Se nżommok infurmat dwar kwalunkwe risposta li se nirċievi.

Fuq il-bażi tad-deċiżjoni tiegħek fil-każ ta' Carmelo Abela u tar-rakkomandazzjonijiet li għamilt sussegwentement, jidhrilna li jkun ġustifikat li int ukoll teżamina jekk id-diskrezzjoni assoluta li qed japplika l-Gvern fl-infieq f'reklamar tikkostitwiex imġieba mhux etika tal-Ministri li qed jieħdu dawn id-deċiżjonijiet.

L-infieq dirett u esklussiv mal-mezzi tal-Partit Laburista mill-anqas jiksru r-rekwiżit etiku li l-Ministri jevitaw kunflitti t'interess jew li jħawwdu r-rwol tagħhom fil-Gvern mal-isħubija tagħhom fil-Partit tagħhom.

Minbarra hekk, il-fatt li l-infieq tal-Gvern isir kollu fuq il-mezzi tal-Partit Laburista jfisser li mezzi oħra ma jġorrux l-istess informazzjoni li l-Gvern hu obbligat li jassigura li tasal għand kulħadd.

Wara r-rapport tiegħek fil-każ ta' Carmelo Abela, intużat l-iskuża viljakka li għalkemm l-aġir tiegħu ma kienx etiku, kellu jkun skansat kull konsegwenza għax ma kienx hemm regola espliċita li kienet tipprojbixxi dak li għamel.

Dakinhar u llum nirrespinġu din l-iskuża għax ebda kodiċi ta' etika ma jista' jipprovdi għal kull ċirkostanza possibbli u aġir kontra l-prinċipji etiċi għandu jsib konsegwenzi indipendentement minn jekk dak l-aġir hux espressament ipprojbit.

29, Pjazza tal-Knisja, L-Imqabba MQB 1011, Malta
repubblika.org

repubblika

Minkejja dan, u waqt li l-Uffiċċju tiegħek għaddej bi sforz m'esperti biex isaħħaħ ir-regolamenti li jagħtu gwida għal imġieba aktar etika nitolbuk tikkonsidra tinkorpora s-sejbiet tiegħek dwar dan il-każ fi kwalunkwe riforma li jogħġbok tirrakomanda.

Intant, nitolbuk tivverifika dawn il-fatti u tieħu l-azzjoni maħsuba fil-liġi.

Bir-rispett,

Robert Aquilina

29, Pjazza tal-Knisja, L-Imqabba MQB 1011, Malta
repubblika.org

**Ministry for Justice, Equality and Governance**

Ministry-Auberge D'Aragon,
Misrah Indipendenza Valletta
Malta

Tel: E-mail: Vat Reg. No: MT21919534

# Purchase Order

**PO Number:** 40072228

**PO Date:** 13/01/2022

**To:** Sound Vision Print Ltd
Centru Nazzjonali Laburista
Triq Mile End Hamrun
HMR1717
Malta

**Delivery address:** 46, Level 3,
Palazzo Spinola,
St Christopher Street, Valletta
Malta

**Supplier Reference:** 1001804

**Delivery attention:** Ms Marzia Farrugia, MFJG
Secretariat



| Item Code | Item Description | Unit | Quantity | * Unit Price € | * Amount € |
|---|---|---|---|---|---|
| P793410006 | Being commitment for 2 page advert to be displayed on the 16.01.22 for Ministry MFJG. As per quote dd. 08.01.22, approved by PS MFJG on the 11.01.22. File MJEG/DCS/173/2020/V1 | Unit | 2.00 | 550.00 | 1,100.00 |
| ***(*all amounts quoted on purchase order are excluding VAT)*** | | | | | 1,100.00 |

**Terms and Conditions:**

In your invoice, kindly make sure to quote the above Supplier Reference and the P.O. Number.
Kindly deliver the above goods at the indicated delivery address and at the agreed price.

**Delivery Instructions:** Publishing of advert on the 16.01.2021.

DOKUMENT D